SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

9 ta' Settembru 2010 *

Fil-Kawża T-155/06,

Tomra Systems ASA, stabbilita f'Asker (in-Norveġja),

Tomra Europe AS, stabbilita f'Asker,

Tomra Systems GmbH, stabbilita f'Hilden (il-Ġermanja),

Tomra Systems BV, stabbilita f'Apeldoorn (il-Pajjizi l-Baxxi),

Tomra Leergutsysteme GmbH, stabbilita fi Vjenna (l-Awstrija),

Tomra Systems AB, stabbilita f'Sollentuna (l-Isvezja),

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Tomra Butikksystemer AS, stabbilita f'Asker,

inizjalment irrappreżentati minn A. Ryan, solicitor, u J. Midthjell, avocat, sussegwentement minn A. Ryan u N. Frey, solicitors,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn É. Gippini Fournier, bħala aġent,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament tad-Deċiżjoni C (2006) 734 finali tal-Kummissjoni, tad-29 ta' Marzu 2006, marbuta ma' proċedura taħt l-Artikolu 82 KE u l-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP//E.-1/38-113/Prokent-Tomra),

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla),

komposta minn M. Vilaras, President, M. Prek u V. M. Ciucă (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: M. Norel Rosner, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-14 ta' Jannar 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Tomra Systems ASA hija l-kumpannija parent tal-grupp Tomra. Tomra Europe AS tikkoordina l-attività tas-sussidjarji ta' distribuzzjoni Ewropej fi ħdan il-grupp. Is-sussidjarji kkonċernati minn din il-kawża huma Tomra Systems GmbH fil-Ġermanja, Tomra Systems BV fil-Pajjiżi l-Baxxi, Tomra Leergutsysteme GmbH fl-Awstrija, Tomra Systems AB fl-Isvezja u Tomra Butikksystemer AS fin-Norveġja (iktar 'il quddiem, imsejħa flimkien ma' Tomra Systems ASA u Tomra Europe AS, ir-"rikorrenti"). Il-grupp Tomra jipproduċi magni ta' rkupru awtomatiċi għall-kontenituri tax-xorb vojta

(iktar 'il quddiem ir-"RVM"), li huma magni intiżi għall-ġbir ta' kontenituri tax-xorb użati li jidentifikaw il-kontenitur permezz ta' ċerti parametri, bħall-forma u/jew il-kowd tal-linji, u li jikkalkulaw l-ammont tal-kunsinna li għandha tiġi rimbursata lill-klijent. Huwa jipprovdi wkoll servizzi marbuta mar-RVM madwar id-dinja. Fl-2005, il-grupp Tomra kellu madwar EUR 300 miljun dħul mill-bejgħ u 1 900 impjegat.

2 Fis-26 ta' Marzu 2001, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej irċeviet ilment minn Prokent AG, kumpannija Ġermaniża li topera wkoll fis-settur tal-ġbir tal-kontenituri tax-xorb vojta, kif ukoll fil-provvista ta' prodotti u servizzi konnessi. Prokent talbet il-Kummissjoni sabiex tiddetermina jekk ir-rikorrenti kinux wettqu abbuż minn pożizzjoni dominanti billi impedixxewhom milli jidħlu fis-suq.

3 Fis-26 u fis-27 ta' Settembru 2001, il-Kummissjoni spezzjonat il-bini ta' Tomra Systems GmbH, fil-Ġermanja u ta' Tomra Systems BV, fil-Pajjiżi l-Baxxi. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) spezzjonat, fuq talba tal-Kummissjoni, il-bini ta' Tomra Systema ASA u tas-sussidjarji tagħha, fil-Norveġja. Imbagħad, Il-Kummissjoni talbet informazzjoni lil Tomra Systems ASA, u diversi mill-kompetituri tagħha u l-klijenti tagħha, skont l-Artikolu tar-Regolament Nru 17 tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 1962, l-ewwel Regolament li jimplimenta l-Artikoli [81 KE] u [82 KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 3).

4 Fit-23 ta' Diċembru 2002, f'ittra indirizzata lill-Kummissjoni, ir-rikorrenti ddikjaraw li waqfu l-ftehim ta' esklużività u li ma kinux għadhom japplikaw tnaqqis għal fedeltà.

5 Fit-30 ta' Marzu 2004, ir-rikorrenti ppreżentaw programm ta' konformità mal-kompetizzjoni għall-grupp Tomra, applikabbli mill-1 ta' April 2004.

6 Fl-1 ta' Settembru 2004, il-Kummissjoni indirizzat dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet lil Tomra Systems ASA, lil Tomra Europe AS u lis-sussidjarji tal-grupp Tomra fis-sitt Stati li jagħmlu parti miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), li r-rikorrenti rrispondewha fit-22 ta' Novembru 2004. Is-smigħ seħħ fis-7 ta' Diċembru 2004. Fid-19 ta' April 2005, il-Kummissjoni talbet informazzjoni oħra, li r-rikorrenti pprovdew fil-25 ta' April u fit-3 ta' Mejju 2005.

Id-deċiżjoni kkontestata

7 Fid-29 ta' Marzu 2006, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni C (2006) 734 finali tal-Kummissjoni, tad-29 ta' Marzu 2006, marbuta ma' proċedura taħt l-Artikolu 82 [KE] u l-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE [iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata", sommarju ta' din id-deċiżjoni kienet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tat-28 ta' Awwissu, ĠU 2008 (C 219, p. 11)]. Hija fiha tikkonstata li r-rikorrenti kisru l-Artikolu 82 KE u l-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE matul il-perijodu 1998/2002, billi implementaw strateġija ta' esklużjoni fis-suq Ġermaniż, Olandiż, Awstrijak, Norveġiż u Svediż tar-RVM, permezz ta' ftehim ta' esklużività, ftehim li kien fih impenji individwalizzati dwar il-kwantità jew skemi individwalizzati ta' tnaqqis retroattiv, u b'hekk għalqu s-swieq għall-kompetizzjoni.

A — *Is-suq inkwistjoni*

8 Fir-rigward tas-suq tal-prodotti inkwistjoni, id-deċiżjoni kkontestata tindika li għall-evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni bdiet mill-premessa li jeżisti suq speċifiku għall-magni high end jew sistemi oħra, inklużi, b'mod partikolari r-RMV kollha li jistgħu jiġu installati minn ħajt u konnessi ma' apparat fuq wara, u suq globali li jkopri kemm magni high end kif ukoll magni low end. Il-Kummissjoni ddeċidiet li tuża

d-definizzjoni ta' suq l-iktar wiesa' possibbli bħala bażi li fuqha hija għandha taħdem peress li din tat ċifri iktar favorevoli għar-rikorrenti.

9 Fir-rigward tas-suq ġeografiku inkwistjoni, id-deċiżjoni kkontestata tikkunsidra li l-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ma kinux l-istess fiż-ŻEE matul il-perijodu kkunsidrat u li s-swieq ġeografiċi inkwistjoni huma ta' daqs nazzjonali.

B — *Pożizzjoni Dominanti*

10 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni, wara li kkunsidrat, *inter alia*, li l-ishma mis-suq tar-rikorrenti fl-Ewropa kienu b'mod konsistenti 'l fuq minn 70 % qabel l-1997, li wara l-1997, dawn kienu jaqbżu 95 %, u li, fis-swieq kollha inkwistjoni, is-sehem mis-suq miżmum mir-rikorrenti kien diversi drabi ikbar minn dik tal-kompetituri tagħha, ikkonkludiet li l-grupp Tomra kien impriża f'pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 82 KE u l-Artikolu 54 tal-Ftehim ŻEE.

C — *Aġir abbużiv*

11 Id-deċiżjoni kkontestata tindika li r-rikorrenti kkonkludew strateġija li kellha għan jew effett anti-kompetittiv, kemm fil-prattika tagħhom fi ħdan id-diskussjonijiet interni tal-grupp. Il-Kummissjoni fiha tafferma li r-rikorrenti pprovaw iżommu l-pożizzjoni dominati tagħhom u l-ishma tagħhom fis-suq b'mezzi li kienu jikkonsistu,

b'mod partikolari, f'li jimpedixxu d-dħul ta' operaturi oħra fis-suq, f'li jżommu l-kompetituri tagħhom dgħajfa billi jillimitaw l-possibbiltajiet tagħhom ta' tkabbir u f'li jdgħajfuhom jew jeliminawhom, jew billi jakkwistawhom jew permezz ta' mezzi oħra. Din l-istrateġija ġiet implementata, kif ġie speċifikat, permezz tal-iffirmar ta' 49 ftehim, bejn l-1998 u l-2002, bejn ir-rikorrenti u ċertu numru ta' supermarket chains, li kienu ftehim ta' esklużività, ftehim li jimponu mira kwantitattiva individwalizzata u ftehim li jistabbilixxu skemi ta' tnaqqis retroattiv individwalizzat.

12 Jirriżulta wkoll mid-deċiżjoni kkontestata li, għalkemm il-ftehim, il-klawżoli u l-kundizzjonijiet inkwistjoni fihom elementi differenti, bħal klawżoli ta' esklużività espliċiti jew *de facto*, rabtiet jew promessi, mill-parti tal-klijenti li jixtru kwantitajiet li jikkorrispondu għal proporzjon sinjifikattiv tal-bżonnijiet tagħhom jew skemi ta' tnaqqis retroattiv marbuta mal-bżonnijiet tal-imsemmija klijenti, jew ukoll tgħaqqid ta' dawn l-elementi, dawn għandhom kollha, skont il-Kummissjoni, jittieħdu fil-kuntest tal-politika ġenerali tar-rikorrenti intiża sabiex tostakola d-dħul fis-suq, aċċess tas-suq u possibbiltajiet ta' tkabbir għal kompetituri eżistenti jew potenzjali u, fl-aħħar mill-aħħar, sabiex teliminahom mis-suq b'mod li tinħoloq sitwazzjoni ta' kważi monopolju.

13 Qabel kollox, skont id-deċiżjoni kkontestata, il-klawżoli ta' esklużività, sa fejn dawn jobbligaw il-klijenti sabiex jordnaw il-provvisti minn fornitur dominanti sabiex ikopru t-totalità jew parti sinjifikattiva tal-bżonnijiet tagħhom, jistgħu, *per se*, ikollhom effett ta' soppressjoni. F'dan il-każ, peress li r-rikorrenti jokkupaw pożizzjoni dominanti fis-suq u peress li dawn il-klawżoli ta' esklużività ġew applikati għal parti mid-domanda totali li hija qieset li tista' titqies sostanzjali, il-Kummissjoni ddeduċiet li dawn il-ftehim ta' esklużività, konklużi mir-rikorrenti, kienu ta' natura li jkollhom, u li effettivament kellhom, effett ta' soppressjoni li joħloq distorsjoni tas-suq. Issa, huwa kkonstatat fid-deċiżjoni kkontestata li ma jeżistux, f'dan il-każ, ċirkustanzi li jistgħu

eċċezzjonalment jiġġustifikaw l-esklużività jew klawżoli simili, u li r-rikorrenti wkoll naqsu milli jiġġustifikaw l-prattiki tagħhom għat-tnaqqis tal-ispejjeż.

14 Id-deċiżjoni kkontestata żżid, imbagħad, li l-iskontar mogħti għall-kwantitajiet individwalizzati li jikkorrispondi għat-totalità jew kważi t-totalità tad-domanda għandu l-istess effett tal-klawżoli ta' esklużività, fis-sens li huwa jwassal lill-klijent sabiex jordna l-provvisti għat-totalità jew għal kważi t-totalità tal-bżonnijiet tiegħu mingħand impriża f'pożizzjoni dominanti. Dan jgħodd ukoll għat-tnaqqis għal fedeltà, imsejjaħ ukoll tnaqqis li huwa suġġett għall-kundizzjoni li l-klijenti jordnaw provvisti għat-totalità jew għall-biċċa l-kbira tal-bżonnijiet tagħhom minn fornitur f'pożizzjoni dominanti. Il-fatt li l-impenn dwar il-volum ta' xiri kien espress f'termini assoluti jew f'perċentwali ma huwiex determinanti, għall-Kummissjoni, fir-rigward tan-natura ta' esklużjoni tal-ftehim jew il-kundizzjonijiet inkwistjoni. Għal dak li jikkonċerna l-ftehim konklużi mir-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata tippreċiża li l-miri kwantitattivi stipulati jikkostitwixxu impenji individwalizzati li jvarjaw minn klijent għall-ieħor, indipendentement mid-daqs tiegħu u mill-volum ta' xiri tiegħu, u li jikkorrispondu għat-totalità jew għall-biċċa l-kbira tal-bżonnijiet tal-klijent, u anki jaqbżuhom. Id-deċiżjoni kkontestata żżid li l-politika tar-rikorrenti li tikkonsisti f'li torbot lill-klijenti tagħhom, b'mod partikolari l-klijenti essenzjali tagħhom, bi ftehim li huma intiżi sabiex jeskludu l-kompetituri tas-suq u li twaqqaf kull opportunità ta' espansjoni tagħhom, tirriżulta b'mod ċar mid-dokumenti relatati mal-istrateġija tar-rikorrenti, man-negozjati tagħhom u mal-offerti li huma kienu għamlu lill-klijenti tagħhom. Fid-dawl tan-natura tas-suq RVM u tal-karatteristiċi tal-prodott innifsu, b'mod partikolari t-trasparenza u n-natura relattivament prevedibbli tad-domanda ta' RVM ta' kull klijent u għal kull sena, il-Kummissjoni kkonstatat li r-rikorrenti kellhom l-għarfien neċessarju tas-suq sabiex jistmaw b'mod realistiku d-domanda approssimattiva ta' kull klijent.

15 Barra minn hekk, għal dak li jikkonċerna t-tnaqqis, il-Kummissjoni osservat, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-iskemi ta' tnaqqis kienu mfassla individwalment għal kull klijent u li l-limiti kienu marbuta mat-totalità jew ma' parti sinjifikattiva tal-bżonnijiet

ta' kull wieħed. Dawn kienu stabbiliti abbażi tal-bżonnijiet stmati tal-klijent u/jew volumi ta' xiri magħmula fil-passat. Issa, l-inċentiv sabiex jiġu ordnati provvisti esklużivament jew kważi esklużivament mingħand ir-rikorrenti kien, skont id-deċiżjoni kkontestata, partikolarment qawwi meta l-limiti, bħal dawk applikati mir-rikorrenti, kienu mgħaqqda ma' sistema fejn il-ksib tal-limitu ta' bonus jew limitu aktar vantaġġjuż huwa ta' benefiċċju għax-xiri kollu magħmul mill-klijent fil-perijodu kkunsidrat u mhux esklużivament għall-volum ta' xiri li jeċċedi l-livell inkwistjoni. Għal klijent li beda jordna mingħand ir-rikorrenti, li huwa xenarju possibbli ħafna minħabba l-pożizzjoni b'saħħitha tagħhom fis-suq, skema retroattiva toħloq b'hekk inċentiv qawwi li jintlaħaq il-livell mixtieq sabiex inaqqas il-prezz tax-xiri tiegħu kollu mingħand ir-rikorrenti. Dan l-inċentiv żdied, kif ġie indikat, iktar ma l-klijent qorob lejn il-livell inkwistjoni. Issa, il-Kummissjoni kkonstatat li t-taħlita ta' sistema ta' tnaqqis retroattiv ma' livell jew diversi livelli li jikkorrispondu mat-totalità jew proporzjon għoli ta' bżonnijiet kienet tirrappreżenta inċentiv sinjifikattiv għax-xiri tat-tagħmir kollu jew kważi kollu meħtieġ mingħand ir-rikorrenti u għolla b'mod artifiċjali l-ispiża biex ikun hemm tibdil tal-fornitur, anki għal numru żgħir ta' unitajiet. Il-Kummissjoni kkonkludiet minn dan li, skont il-ġurisprudenza, l-iskemi ta' tnaqqis inkwistjoni kellhom jitqiesu bħala mezzi sabiex tissaħħaħ il-fedeltà u, għalhekk, bħala tnaqqis għal fedeltà.

16 Fl-aħħar nett, id-deċiżjoni kkontestata tindika li, għalkemm, kif ġie deċiż fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Settembru 2003, Michelin vs Il-Kummissjoni (T-203/01, Ġabra p. II-4071, iktar 'il quddiem is-"sentenza Michelin II", punt 239) u tas-17 ta' Diċembru 2003, British Airways vs Il-Kummissjoni (T-219/99, Ġabra p. II-5917, punt 293), sabiex jiġi stabbilit abbuż fis-sens tal-Artikolu 82 KE, huwa biżżejjed li jintwera li l-aġir abbużiv tal-impriża f'pożizzjoni dominanti għandu tendenza li jirrestrinġi l-kompetizzjoni jew, fi kliem ieħor, li l-aġir kapaċi jkollu tali effett, il-Kummissjoni kkompletat l-analiżi tagħha billi eżaminat l-effetti probabbli tal-prattiki tar-rikorrenti fis-suq tar-RVM. F'dan ir-rigward, id-deċiżjoni kkontestata tindika li, matul il-perijodu kollu eżaminat, jiġifieri mill-1998 sal-2002, is-sehem tar-rikorrenti fil-ħames swieq nazzjonali kkunsidrati kollha baqa' relattivament stabbli. Fl-istess ħin, il-pożizzjoni tal-kompetituri tagħhom baqgħet dgħajfa u instabbli sew.

Wieħed minnhom, dak li ressaq l-ilment, li kien irnexxielu, telaq is-suq fl-2003 wara li wasal li jieħu 18 % tas-suq Ġermaniż fl-2001. Impriżi kompetituri oħra li wrew il-potenzjal u l-kapaċità tagħhom li jiksbu ishma mis-suq iktar sinjifikattivi ġew eliminati billi ġew akkwistati mir-rikorrenti, bħal Halton u Eleiko. Barra minn hekk, skont il-Kummissjoni, l-istrateġija ta' esklużjoni pprattikata mir-rikorrenti matul il-perijodu 1998/2002 kellha effett li jintwera fil-bidla tal-ishma mis-suq marbut u l-bejgħ tal-atturi tas-suq. Barra minn hekk, skont id-deċiżjoni kkontestata, ċerti klijenti bdew jixtru aktar mill-prodotti kompetituri wara li skadew il-ftehim esklużivi tagħhom mar-rikorrenti. Minbarra n-nuqqas ta' effiċjenza fl-ispejjeż li jistgħu jiġġustifikaw l-prattiki tar-rikorrenti, lanqas ma kien hemm xi benefiċċju għall-konsumaturi f'dan il-każ. Mid-deċiżjoni kkontestata jidher li l-prezz tar-RVM tar-rikorrenti ma waqax wara li żdied il-volum tal-bejgħ u li għall-kuntrarju, il-prezz baqa' l-istess u anki żdied waqt il-perijodu eżaminat.

D — *Multa*

17 Id-deċiżjoni kkontestata tippreċiża li fl-evalwazzjoni tal-gravità tal-abbuż imwettaq mir-rikorrenti għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li huma implementaw apposta l-prattiki inkwistjoni fil-kuntest tal-istrateġija ta' esklużjoni tagħhom, iżda wkoll il-portata ġeografrika ta' dan l-abbuż, jiġifieri l-fatt li dan kien ikopri t-territorju ta' ħames Stati li jagħmlu parti miż-ŻEE, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Awstrija, l-Isvezja u n-Norveġja. Min-naħa l-oħra, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll, skont il-Kummissjoni, il-fatt li l-ksur mhux dejjem kopra l-perijodu kollu f'kull wieħed mis-swieq nazzjonali kkunsidrati, u li f'kull wieħed mis-swieq nazzjonali, l-intensità tiegħu setgħet varjat maż-żmien.

18 B'mod partikolari, id-deċiżjoni kkontestata tippreċiża, fil-premessa 394 li l-ksur jikkonċerna t-territorji u l-perijodi segwenti:

— Il-Ġermanja: 1998-2002

— Il-Pajjiżi l-Baxxi: 1998-2002

— L-Awstrija: 1999-2001

— L-Isvezja: 1999-2002

— In-Norveġja: 1998-2001

19 Il-Kummissjoni kkonkludiet li dan jikkostitwixxi ksur serju u stabbilixxiet l-ammont bażiku tal-multa ta' EUR 16 miljun, billi bbażat ruħha fuq il-perijodu ta' ħames snin li jibda mill-1998 sal-2002. L-ammont inizjali tal-multa ġiet miżjuda b'10 % għal kull

sena kompleta ta' ksur. Fl-aħħar nett, id-deċiżjoni kkontestata indikat li ma kienx hemm ċirkustanzi aggravanti jew attenwanti.

20 Id-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata tipprovdi li ġej:

"*Artikolu 1*

[Ir-rikorrenti] kisru l-Artikolu 82 [KE] u l-Artikolu 54 tal-Ftehim taż-ŻEE fil-perijodu bejn l-1998 u l-2002 billi implementaw strateġija ta' esklużjoni fis-swieq nazzjonali tar-[RVM] [fil-Ġermanja, fil-Pajjiżi l-Baxxi, fl-Awstrija, fl-Isvezja u fin-Norveġja], li tinvolvi ftehim ta' esklużività, impenji ta' kwantitajiet individwalizzati u skemi ta' tnaqqis retroattiv individwalizzat, b'mod li eskludew il-kompetizzjoni fis-swieq.

Artikolu 2

Għall-ksur imsemmi hawn fuq, multa ta' EUR 24 miljun hi imposta fuq [ir-rikorrenti] *in solidum*.

[…]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

21 Permezz ta' att ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-14 ta' Ġunju 2006, ir-rikorrenti ressqu dan ir-rikors.

22 Peress li l-kompożizzjoni tal-awli tal-Qorti Ġenerali inbidlet, l-Imħallef Relatur ġie assenjat il-Ħames Awla, u konsegwentement, din il-kawża ġiet assenjata lil din l-awla.

23 Fuq rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali. It-trattazzjoni tal-partijiet u r-risposti tagħhom għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2010.

24 Ir-rikorrenti jitolbu lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— sussidjarjament, tannulla jew tnaqqas b'mod sostanzjali l-ammont tal-multa;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż, inklużi dawk imġarrba minnhom sabiex jagħmlu garanzija bankarja fir-rigward tal-obbligu tagħhom li jħallsu l-multa.

25 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

26 Ir-rikorrenti jinvokaw sitt motivi. L-ewwel ħames motivi huma intiżi, essenzjalment, għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata u s-sitt wieħed huwa intiż għall-annullament jew it-tnaqqis tal-multa. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-użu mill-Kummissjoni ta' provi manifestament ineżatti u mhux affidabbli sabiex tikkonstata li r-rikorrenti operaw strateġija ta' esklużjoni. It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni li wettqet il-Kummissjoni, meta kkunsidrat li l-prattiki tar-rikorrenti setgħu jeliminaw il-kompetizzjoni, u fuq in-nuqqas ta' motivazzjoni. It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-eżistenza ta' żbalji manifesti fl-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-kwistjoni dwar jekk l-imsemmija prattiki jeliminawx realment il-kompetizzjoni. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq l-iżball manifest li jirriżulta mill-kwalifika tal-prattiki tar-rikorrenti bħala illegali *per se*. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq l-iżball manifest li l-Kummissjoni wettqet meta qieset li l-impenji mhux vinkolanti setgħu jiksru l-Artikolu 82 KE. Fl-aħħar nett, is-sitt motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni waqt l-impożizzjoni tal-multa.

I — *Fuq it-talba għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata*

A — *Fuq l-ewwel motiv ibbażat fuq l-użu ta' provi manifestament ineżatti u mhux affidabbli sabiex tiġi kkonstatata l-istrateġija ta' esklużjoni u sabiex tiġi pprovata l-eżistenza u jiġi ddeterminat il-kontenut ta' ċerti ftehim bejn ir-rikorrenti u l-klijenti tagħhom.*

27 Dan il-motiv jinqasam f'żewġ partijiet. L-ewwel nett, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata ma fihiex provi affidabbli li jippermettu li jintwera li huma operaw strateġija sabiex tiġi eliminata l-kompetizzjoni. It-tieni nett, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq provi ineżatti u mhux affidabbli sabiex jiġu pprovati l-eżistenza u l-kontenut ta' mill-inqas 26 minn 49 ftehim li għalihom tirreferi d-deċiżjoni kkontestata.

1. Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq in-nuqqas ta' provi affidabbli li jippermettu li tintwera l-eżistenza ta' strateġija ta' esklużjoni

a) L-argumenti tal-partijiet

28 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jikkonstataw l-użu bħala prova mill-Kummissjoni tal-korrispondenza interna tagħhom. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu li d-dokumenti miġbura mill-Kummissjoni ma għandhomx rabta bejniethom u li

huma ttieħdu totalment mhux fil-kuntest tagħhom. Barra minn hekk, ir-rikorrenti jallegaw li l-Kummissjoni qabżet xi provi li juru, minflok, li r-rikorrenti kellhom l-intenzjoni li jikkompetu b'mod normali mal-kompetituri tagħhom. Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata ma tiħux inkunsiderazzjoni dokumenti li jesprimu l-intenzjoni tagħhom li jużaw mezzi kompetittivi leġittimi.

29 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jiddikjaraw li d-deċiżjoni kkontestata ma eżaminatx il-kwistjoni dwar jekk il-grupp Tomra kellux suċċess fis-suq tar-RVM bejn l-1998 u l-2002 minħabba li, mill-1997 sal-2001, huwa kien l-uniku fornitur tar-RVM li kellhom din it-tekonoloġija avvanzata. Skont ir-rikorrenti, dan jikkostitwixxi żball li jwassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata: il-vantaġġ kompetittiv tagħhom kien it-teknoloġija tagħhom u huwa abbażi ta' dan il-vantaġġ li huma ddeċidew li joperaw fis-suq.

30 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jindikaw li, billi invokat il-ftehim allegatament antikompetittivi stess bħala provi ta' strateġija ta' esklużjoni, il-Kummissjoni daħlet f'argument ċirkulari, peress li hija ssemmi diversi drabi, f'postijiet oħra fid-deċiżjoni kkontestata, l-istrateġija ta' esklużjoni sabiex turi li l-istess ftehim kienu antikompetittivi sew. Konsegwentement, dawn il-ftehim ma jistgħux iservu bħala prova ta' strateġija ta' esklużjoni. Anki jekk il-Kummissjoni kienet kapaċi tipprovdi eżempji ta' ftehim li kisru l-Artikolu 82 KE, hija mhux dejjem tat spjegazzjoni rigward il-mod ta' kif dan il-fatt jikkonferma strateġija fuq livell tal-impriża kollha intiża sabiex teskludi l-kompetizzjoni bejn l-1998 u l-2002.

31 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti jaffermaw li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, minn naħa, ma tikkunsidrax il-proċeduri tagħhom ta' ksur ta' privattivi jew l-akkwisti

tagħhom bħala parti mill-ksur, iżda min-naħa l-oħra tikkunsidra li dawn il-prattiki u dawn l-akkwisti jirrapreżentaw fatturi li juru l-istrateġija ta' esklużjoni mħaddna mir-rikorrenti. Madankollu, il-Kummissjoni ma ppreżentat l-ebda prova li turi li l-protezzjoni mir-rikorrenti tal-privattivi tagħhom jew tal-prattiki ta' kooperazzjoni tagħhom ma' kumpanniji oħra jew l-akkwist tagħhom urew strateġija ta' esklużjoni. B'mod partikolari, ir-rikorrenti jsostnu li, skont ġurisprudenza stabbilita li tipprovdi li l-eżistenza ta' drittijiet ta' proprjetà industrijali ma tiksirx id-dritt tal-kompetizzjoni, sakemm din ma tkunx vessatorja, tentattiv li tivvalida privattiva jew dritt ta' proprjetà industrijali ieħor ma jistax jikser id-dritt tal-kompetizzjoni Komunitarja.

32 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

33 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li d-deċiżjoni kkontestata fil-premessi 97 *et seq* tiġbor fil-qasir dak li l-Kummissjoni tikkunsidra bħala l-istrateġija antikompetittiva tar-rikorrenti. Hija tindika, f'dan ir-rigward, dan li ġej:

"L-istrateġija [tal-grupp] ta' Tomra kienet ibbażata fuq politika li ppruvat iżżomm d-dominanza tagħha u s-sehem tagħha fis-suq b'mezzi bħal [...] il-prevenzjoni tad-dħul fis-suq, [...] iż-żamma tal-kompetituri milli jikbru billi tillimita l-possibbiltajiet ta' tkabbir tagħhom u, [...] fl-aħħar nett billi ddgħajjef u telimina l-kompetituri, permezz tal-akkwist tagħhom jew b'mezzi oħra, speċjalment dawk il-kompetituri li [li l-grupp

Tomra kien qies] li kellhom il-potenzjal li jsiru sfidanti b'saħħithom. Biex tilħaq dan il-għan [il-grupp] Tomra użat diversi prattiki antikompetittivi, inkluż l-esklużività u ftehim preferenzjali mal-fornituri, kif ukoll ftehim li kien fih rabtiet individwalizzati dwar il-kwantità jew skemi individwalizzati ta' skontar retroattiv."

34 Id-deċiżjoni kkontestata tippreċiża mbagħad li "[l]-istrateġija globali [tal-grupp] Tomra ma hijiex biss ikkonfermata mill-prattiki differenti użati mill-grupp, iżda wkoll ġiet diskussa b'mod estensiv fil-grupp f'diversi okkażjonijiet, sew f'laqgħat u konferenzi kif ukoll f'korrispondenza, pereżempju, bl-e-mail."

35 Għalhekk, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni wara li semmiet il-prattiki antikompetittivi użati mir-rikorrenti, ġustament, eżaminat id-dokumentazzjoni interna tar-rikorrenti. Din id-dokumentazzjoni ta' kumpannija tista' tindika jekk l-esklużjoni tal-kompetizzjoni kinitx maħsuba, jew, għall-kuntrarju, tissuġerixxi spjegazzjoni differenti tal-prattiki eżaminati. F'dan il-każ, il-korrispondenza interna tar-rikorrenti ppermettiet lill-Kummissjoni sabiex tqiegħed il-prattiki tagħhom fil-kuntest tagħhom u tissostanzja l-evalwazzjoni tagħha tal-istess prattiki. Barra minn hekk, hemm lok li jingħad ukoll li l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni li jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata qatt ma ġew ibbażati biss fuq wieħed mid-dokumenti tar-rikorrenti meħud waħdu iżda fuq serje ta'elementi differenti.

36 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-affermazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata turi li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni d-dokumenti kollha li juru l-intenzjoni tar-rikorrenti li jużaw mezzi kompetittivi leġittimi, għandu jiġi osservat li huwa totalment normali li d-deċiżjoni kkontestata tagħti prijorità għall-aġir antikompetittiv tar-rikorrenti u mhux tal-azzjonijiet legali tagħhom, peress li huwa preċiżament dan

l-aġir li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi. Hemm lokk, għall-bqija, li jiġi enfasizzat li d-deċiżjoni kkontestata ma taħbix il-fatt li ċerti dokumenti interni tar-rikorrenti jsemmu wkoll mezzi oħra kompletament leġittimi ta' kompetizzjoni.

37 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-vantaġġ teknoloġiku allegat tar-rikorrenti, għandu jiġi rrilevat li r-riferiment, fid-deċiżjoni kkontestata, għal dan il-vantaġġ ma għandu l-ebda impatt fuq il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni. Fil-fatt, ir-rikorrenti ma wrewx b'liema mod it-teknoloġija li huma żviluppaw setgħet isservi sabiex tiġġustifika l-prattiki tagħhom. Barra minn hekk, jekk din it-teknoloġija kienet effettivament daqshekk superjuri minn dik tal-kompetituri tagħhom li l-klijenti, qatt ma kienu ser jixtru prodotti ta' dawn tal-aħħar, ikun iktar diffiċli li jiġi ġġustifikat l-użu tal-ftehim ta' esklużività, kif ukoll l-impenji kwantitattivi u skemi oħra ta' tnaqqis individwalizzat.

38 Fit-tielet lok, fir-rigward taċ-ċirkularità tal-argument tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, għal dak li jikkonċerna ir-relazzjoni bejn il-ftehim antikompetittiv u l-istrateġija ta' esklużjoni, hemm lok li jiġi rrilevat li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-kunċett ta' użu abbużiv huwa kunċett oġġettiv li jolqot l-aġir ta' impriża li tkun f'pożizzjoni dominanti li jkun tali li jinfluwenza l-istruttura tas-suq fejn, preċiżament insegwitu għall-preżenza tal-impriża inkwistjoni, il-kompetizzjoni tkun diġà ddgħajfet u li jkollu l-effett li jostakola, permezz ta' mezzi li jkunu differenti minn dawk li normalment jeżistu meta jkun hemm kompetizzjoni normali fuq prodotti jew servizzi abbażi tal-provvista tal-operaturi ekonomiċi, il-permanenza tal-kompetizzjoni li tkun għadha teżisti fis-suq jew l-iżvilupp ta' din il-kompetizzjoni (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Frar 1979, Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni, 85/76, Ġabra p. 461, punt 91, u s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2005, General Electric vs Il-Kummissjoni, T-210/01, Ġabra p. II-5575, punt 549).

39 Skont din il-ġurisprudenza, fid-deċiżjoni kkontestata, fil-premessi 107 *et seq*, il-Kummissjoni stabbilixxiet li l-prattiki tar-rikorrenti, eżaminati fil-kuntest tagħhom u meħuda flimkien ma' serje ta' elementi oħra, inklużi d-dokumenti interni tar-rikorrenti, setgħu jeskludu l-kompetizzjoni. Konsegwentement, għall-kuntrarju ta' dak li qed isostnu r-rikorrenti, il-Kummissjoni bl-ebda mod ma bbażat ruħha b'mod esklużiv fuq l-intenzjoni jew l-istrateġija tar-rikorrenti sabiex tiġġustifika l-konklużjoni tagħha dwar l-eżistenza ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni.

40 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-proċeduri fuq ksur ta' privattivi u akkwisti tar-rikorrenti, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li d-deċiżjoni kkontestata, fil-premessi 106 u 107, tafferma li dawn il-prattiki ma jagħmlux parti mill-abbuż minn pożizzjoni dominanti. Għaldaqstant, dawn huma biss fatti rilevanti li jippermettu li l-prattiki tar-rikorrenti jitqiegħdu fil-kuntest tagħhom iżda li ma għandhom l-ebda impatt fuq il-konstatazzjoni tal-ksur.

41 Għaldaqstant, l-ewwel parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda.

2. Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-użu ta' provi ineżatti u mhux affidabbli sabiex tintwera l-eżistenza u sabiex jiġi ddeterminat il-kontenut ta' ċerti ftehim bejn ir-rikorrenti u l-klijenti tagħhom

42 Din il-parti tista' tinqasam f'erba' partijiet sussidjarji. L-ewwel parti sussidjarja tikkonċerna l-ftehim ta' esklużività qabel l-1998, it-tieni parti sussidjarja tikkonċerna l-ftehim li jinnominaw lir-rikorrenti bħala "il-fornitur ippreferut, prinċipali jew primarju", it-tielet parti sussidjarja tikkonċerna l-impenji fuq il-kwantitajiet individwalizzati u l-mekkaniżmi ta' tnaqqis retroattiv individwalizzat, u fl-aħħar

nett, ir-raba' parti sussidjarja tikkonċerna xi wħud mill-kuntratti dwar erba' minn ħames pajjiżi eżaminati fid-deċiżjoni kkontestata, kuntratti li, skont ir-rikorrenti, ġew evalwati b'mod inkoerenti mill-Kummissjoni.

a) Fuq il-ftehim ta' esklużività qabel l-1998

L-argumenti tal-partijiet

43 Ir-rikorrenti jenfasizzaw il-fatt li 9 mill-21 ftehim ta' esklużività jikkonċernaw perijodu qabel il-perijodu kopert mid-deċiżjoni kkontestata (1998-2002) u għaldaqstant ma setgħux jikkontribwixxu għall-esklużjoni tal-kompetituri matul dan il-perijodu. Ir-rikorrenti jikkonkludu li dawn id-disa' ftehim ma kellhomx jissemmew fid-deċiżjoni kkontestata u kellhom ukoll jiġu esklużi matul il-kalkolu tal-multa.

44 Anki jekk il-Kummissjoni tafferma, fir-risposta tagħha, li hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tagħha ċerti minn dawn il-ftehim, ir-rikorrenti jistaqsu għal liema raġuni dawn jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata fil-premessa 296, bħala li kienu rilevanti.

45 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

46 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkunsidrat li, fil-fatt, disa' mill-ftehim ta' esklużività (jiġifieri l-ftehim konklużi ma' AS Butikkdrift għall-1995 u l-1996, Kiwi Minipris Norge għall-1996, Køff Hedmark għall-1996, Rema 1000 għall-1996, AKA/Spar Norge għall-1997, Rewe Wiesloch u Rewe Hungen għall-1997, De Boer Unigro għall-1997 u Samenwekende van den Broek Bedrijven għall-1997), imsemmija fil-premessa 296 tad-deċiżjoni kkontestata bħala ftehim konklużi bi ksur tal-Artikolu 82 KE u tal-Artikolu 54 tal-Ftehim taż-ŻEE, jikkonċernaw perijodu qabel il-perijodu kopert mid-deċiżjoni kkontestata (1998-2002). Huwa għaldaqstant evidenti li l-Kummissjoni wettqet żball meta semmiet dawn il-ftehim f'din il-premessa, ċirkustanza li hija, barra minn hekk amessa mill-Kummissjoni stess fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha.

47 Mandankollu, għandu jiġi osservat li, minn naħa, fil-kalkolu tal-multa ma ttieħed inkunsiderazzjoni l-ebda fatt preċedenti għall-1998 u, min-naħa l-oħra, li l-Kummissjoni tafferma, mingħajr ma ġiet kontradetta mir-rikorrenti, li l-ftehim applikabbli qabel l-1998 qatt ma ttieħdu inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tagħha tal-parti tad-domanda li ma tistax tinkiseb mill-kompetituri tar-rikorrenti u li, għalhekk, il-konstatazzjonijiet ta' esklużjoni huma totalment indipendenti minn dawn id-disa' ftehim.

48 Il-qari tal-partijiet l-oħra tad-deċiżjoni kkontestata fit-totalità tagħha jippermetti li titneħħa kull ambigwità f'dan ir-rigward (ara, pereżempju l-premessi 134, 159, 166, 242, 264, 269, 394, 417 u 418 tad-deċiżjoni kkontestata) u li jitqies li l-Kummissjoni fl-ebda mument ma ħadet inkunsidereazzjoni xi ksur qabel l-1998. Minn dan isegwi li dan l-ilment ma jistax jintlaqa'.

b) Fuq il-ftehim li jinnominaw lir-rikorrenti bħala "fornitur ippreferut, prinċipali jew primarju"

L-argumenti tal-partijiet

49 Ir-rikorrenti jaffermaw li l-Kummissjoni "awtomatikament" ikkwalifikat bħala ftehim ta' esklużività, il-ftehim li bihom il-klijent kien jorbot ruħu sabiex iżommhom bħala "fornitur ippreferut jew prinċipali jew fornitur primarju", għalkemm dawn it-termini huma wisq vagi sabiex il-ftehim jitqiesu esklużivi skont id-dritt tal-kuntratti. Barra minn hekk, minkejja l-fatt li l-klijenti inkwistjoni xtraw RMV mingħand kompetituri tar-rikorrenti matul il-kuntratt esklużiv allegat u minkejja li dawn l-istess klijenti affermaw li l-kuntratti ma kinux fil-fatt esklużivi, il-Kummissjoni kkunsidrathom bħala esklużivi.

50 Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, naqset milli tanalizza jekk dritt ta' esklużività eżekuttiv kienx ġie kkreat mill-aspett tad-dritt nazzjonali tal-kuntratti. Fil-fatt, id-deċiżjoni kkontestata ma fiha l-ebda analiżi tal-kuntratti abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Fid-deċiżjoni kkontestata u fit-talbiet għal informazzjoni mibgħuta mill-Kummissjoni qabel l-adozzjoni tagħha, arranġamenti vagi, li ma joħolqux obbligu kuntrattwali vinkolanti u eżekuttiv, tqiegħdu fuq l-istess livell ta' kuntratti formali eżekuttivi. Ir-rikorrenti jsostnu li, għalkemm dan jidher konċepibbli fil-kuntest ta' akkordju fis-sens tal-Artikolu 81 KE, dan ma huwiex hekk fil-kuntest ta' ftehim ta' esklużività taħt l-Artikolu 82 KE. Sakemm l-osservanza tiegħu ma tkunx tista' tiġi imposta abbażi tad-dritt tal-kuntratti, obbligu ta' esklużività ma jimpedixxix kompetitur milli jbigħ lill-klijent u lanqas lill-klijent milli jaċċetta l-offerta. Bl-istess mod, ma jistax joħloq deterrent *ex ante* fuq il-klijenti.

51 Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata tirreferi, insostenn tal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-istatus kuntrattwali tad-dokumenti, għal provi irrilevanti, bħal memos interni tar-rikorrenti, kommunikazzjonijiet ta' stampa jew ir-rapport annwali tal-grupp Tomra, li huma dikjarazzjonijiet unilaterali ta' dan tal-aħħar li l-klijent ma għandux x'jaqsam magħhom. Il-Kummissjoni ma wettqet l-ebda analiżi tal-valur probattiv ta' tali dikjarazzjonijiet fir-rigward tad-dritt nazzjonali applikabbli lill-kuntratti.

52 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jsostnu li l-ftehim maż-żewġ gruppi ta' xiri Superunie (ftehim konkluż fil-Pajjiżi l-Baxxi, fl-2001) u ICA/Hakon (ftehim konkluż fl-Isvezja u fin-Norveġja, għall-perijodu 2000-2002) ma kinux jimponu b'mod legali fuq il-membri ta' dawn il-gruppi biex jixtru r-RMV biss mingħandhom u ma hemm l-ebda prova li dawn il-ftehim kienu jeżerċitaw b'mod qawwi "pressjoni jew jikkostitwixxu inċentiv qawwi" sabiex bejjiegħa indipendenti jixtrulhom ir-RVM kollha tagħhom.

53 B'mod partikolari, fir-rigward tal-ftehim konkluż ma' Superunie, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata ma tipprovdi l-ebda prova li tippermetti li jiġi kkunsidrat li dan il-ftehim seta' jorbot il-ħwienet indipendenti li kienu membri ta' Superunie sabiex jiġu kostretti jixtrulhom 130 RVM. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni minflok qalbet l-oneru tal-prova billi affermat li "ma hemmx prova li tissuġġerixxi li l-membri individwali ma jħossuhomx marbuta […]" [traduzzjoni mhux uffiċjali] mill-ftehim. Jekk il-membri setgħu jieħdu offerta aħjar mingħand kompetitur tar-rikorrenti, il-Kummissjoni ma pprovatx tispjega, skont ir-rikorrenti, ir-raġuni għal xiex il-membri kienu xorta jiddeċiedu li jixtru mingħandhom, taħt ftehim mhux vinkolanti konkluż mal-livell ċentrali tal-organizzazzjoni tagħhom.

54 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

55 Qabel kollox, għandha tiġi kontradetta l-affermazzjoni tar-rikorrenti li l-Kummissjoni kkwalifikat "awtomatikament" bħala ftehim ta' esklużività, il-ftehim li permezz tagħhom il-klijent impenja ruħu sabiex iżomm ir-rikorrenti bħala "fornitur ippreferut jew prinċipali jew fornitur primarju". Il-premessi 114 sa 122 u 286 *et seq* juru l-kontra, inkwantu huma jispjegaw fil-detall l-approċċ u l-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

56 Barra minn hekk, għalkemm huwa veru li ċerti klijenti pprovaw jinkludu fil-kuntratti ta' "fornitur ippreferut" klawżola li tippermettilhom li jixtru apparat tal-kompetituri għall-finijiet ta' prova, dan jirrinforza l-konklużjoni li dawn il-kuntratti kienu konklużi bħala esklużivi u l-possibbiltà li jinxtraw apparati tal-kompetituri kienet eċċezzjoni limitata biss sabiex wieħed jipprova dawn il-magni.

57 Barra minn hekk, huwa fuq il-bażi ta' provi disponibbli dwar l-intenzjoni tal-partijiet li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, ikkwalifikat bħala esklużivi l-kuntratti ta' "fornitur ippreferut". Dawn il-provi juru li dawn kienu intiżi sabiex ikunu esklużivi u kienu miftiehma bħala tali, indipendentement mill-kwistjoni tan-natura eżekuttiva tagħhom fid-dritt nazzjonali tal-kuntratti.

58 Il-kuntratt ma' Royal Ahold, pereżempju, jikkwalifika l-grupp Tomra bħala "fornitur prinċipali". Madankollu, il-president ta' Tomra Systems ASA, matul in-negozjati ma' dan il-klijent, kien iddikjara (ara l-premessa 139 u n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 267 tad-deċiżjoni kkontestata):

"Aħna nippreferu għalhekk li [l-grupp] Tomra jkun innominat l-fornitur globali 'esklużiv' ta' servizzi marbuta mar-RMV għal Ahold. Termini oħra għajr esklużiv

jistgħu jinħolqu sabiex jesprimu l-intenzjoni fundamentali tal-partijiet. Madankollu, indipendentement mill-għażla tat-termini, il-ftehim hekk kif aħna nnegozjajna huwa li [l-grupp] Tomra għandu d-dritt jinstalla l-magni [...] f'kull ħanut ġdid li jeħtieġ ir-RVM u [...] fl-iskadenza tal-ftehim eżistenti, f'kull ħanut attwalment moqdi minn fornitur ieħor tar-RVM."

59 Fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti dwar il-fatt li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, ma analizzatx in-natura esklużiva tal-kuntratti abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, għandu jiġi mfakkar li ma huwiex neċessarju li l-prattiki ta' impriża f'pożizzjoni dominanti jorbtu lix-xerrejja b'obbligu formali sabiex jiġi stabbilit li dawn jikkostitwixxu abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 82 KE. Huwa biżżejjed li dawn il-prattiki jkun fihom inċentiv lill-klijenti sabiex ma jmorrux għand fornituri kompetituri u sabiex jordnaw il-provvisti għat-totalità jew għal parti kunsiderevoli tal-bżonnijiet tagħhom esklużivament mingħand l-imsemmija impriża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punti 89 u 90).

60 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, ta' spiss, il-ftehim ikkonċernati mhux biss jikkwalifikaw lill-grupp Tomra bħala "fornitur ippreferut jew prinċipali jew fornitur primarju" tal-klijent inkwistjoni, iżda fihom ukoll impenji kwantitattivi jew tnaqqis retroattiv progressiv suġġett għax-xiri ta' ċertu volum. Il-ftehim għas-snin 2000 sa 2002 konklużi mal-grupp Olandiż Royal Ahold u ma' ICA/Hakon/Ahold għall-Isvezja u n-Norveġja jikkostitwixxu eżempji ta' dan it-tip ta' ftehim.

61 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-ftehim konklużi bejn ir-rikorrenti u organizzazzjonijiet ċentrali ta' xiri bħal Superunie u ICA/Hakon, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li ma

huwiex ikkontestat mir-rikorrenti li dan il-ftehim għandhom natura vinkolanti għall-organizzazzjonijiet ċentrali ta' xiri li ffirmawhom u, min-naħa l-oħra, li l-kwistjoni dwar jekk dawn jinfluwenzawx ukoll l-aġir ta' xerrej tal-membri tagħhom ma tiddependix minn analiżi formali.

62 Fil-fatt, għandu jiġi osservat li, bħal ma għamlet il-Kummissjoni, li meta l-kundizzjonijiet negozjati jiddependu mix-xiri ta' kwanititajiet intiżi għall-organizzazzjoni ċentrali ta' xiri fit-totalità tagħha, huwa inerenti għan-negozjati ta' kuntratt ta' dan it-tip li dan għandu jħajjar lill-membri tal-organizzazzjoni ċentrali jixtru sabiex jilħqu l-mira stabbilita.

63 Barra minn hekk, il-fatt li l-mira ta' xiri stabbilita mill-kuntratt konklużż ma' ICA Ahold/Hakon kienet intlaħqet (ara l-premessa 171 tad-deċiżjoni kkontestata) juri kif l-organizzazzjoni ċentrali ta' xiri kellha s-setgħa li tinfluwenza l-aġir ta' bejjiegħa indipendenti.

64 Barra minn hekk, il-ftehim ma' Superunie jsemmi espressament kull membru differenti u n-numru ta' apparat li kull wieħed minnhom kellu jixtri.

65 Fl-aħħar nett, għandu jiġi enfasizzat, kif ġustament irrilevat il-Kummissjoni, li effettivament il-fajl fih diversi indikazzjonijiet li juru li l-osservanza tal-ftehim kienet strettament issorveljata, u li saru pressjonijiet fuq il-bejjiegħa indipendenti.

66 F'dan ir-rigward, għandha tissemma, pereżempju, l-ittra tas-16 ta' Frar 2001 indirizzata minn Tomra Europe lil ICA Ahold dwar il-ftehim tat-13 ta' Ottubru 2000, li tesprimi t-tħassib tar-rikorrenti dwar ir-ritmu tax-xiri ta' ICA taħt il-ftehim u li tfakkar li ICA "ser timpenja ruħha sabiex tagħmel l-aħjar tagħha fil-livell ċentrali sabiex

issostni lil[l-grupp] Tomra fin-netwerk tagħha ta' ħwienet u sabiex tinkoraġġixxi lill-konċessjonarji tagħha biex jgħaġġlu s-sostituzzjoni tal-apparati l-qodma u sabiex jibqgħu 100% fidili ma' dan il-ftehim". L-ittra tippreċiża li s-sostenn ċentrali ta' ICA "ma kienx manifestament effikaċi sa issa" u li l-kommunikazzjoni minn ICA tal-inċentivi offerti taħt il-ftehim lill-konċessjonarji tagħha ma kinitx suffiċjenti. Tomra Europe titlob għaldaqstant lil ICA sabiex tieħu miżuri urġenti sabiex teżegwixxi l-pjan skont il-ftehim.

67 Fid-dawl tal-premess, hemm lok li għalhekk jiġi miċħud dan l-ilment tar-rikorrenti.

c) Fuq l-impenji ta' kwantitajiet individwalizzati u l-mekkaniżmi ta' tnaqqis retroattiv individwalizzat

L-argumenti tal-partijiet

68 Ir-rikorrenti jallegaw li ma ġie stabbilit bl-ebda mod li huma kienu f'pożizzjoni li jistmaw bi preċiżjoni l-bżonnijiet tal-klijent.

69 Huma jsostnu, fl-ewwel lok, li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, ammettiet li l-klijenti ma kinux jinformawhom fuq il-volum tal-bżonnijiet totali tagħhom jew kważi totali ta' RVM matul il-perijodu kuntrattwali.

70 Fit-tieni lok, huma jsostnu li jekk it-talba għar-RVM ma kinitx rikorrenti u kienet irregolari, kif hemm indikat fid-deċiżjoni kkontestata, allura n-numru ta' RVM li klijent xtara matul is-sena preċedenti ma jippermettilhomx li jistmaw id-domanda totali jew kważi totali tal-istess klijent matul is-sena sussegwenti.

71 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jikkontestaw l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li d-domanda ta' kull klijent hija faċilment prevedibbli "peress li hija nħolqot jew żdiedet minħabba l-introduzzjoni ta' sistemi ta' depożitu obbligatorju". F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jindikaw li l-ebda wieħed mill-ħames Stati fejn seħħ il-ksur allegat ma introduċa sistema ta' dipożitu obbligatorju bejn l-1998 u l-2002.

72 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni ammettiet b'mod indirett li r-rikorrenti ma kinux kapaċi jistmaw il-bżonnijiet totali jew kważi totali tal-klijenti tagħhom tar-RVM, billi ħassret, bħala sigrieti ta' negozju, kull ċifra relatata direttament jew indirettament ma' xiri annwali fil-passat ta' RVM, u dan fid-deċiżjoni kkontestata kollha.

73 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jaffermaw li kien rari li l-impenji u l-miri ta' kwantità jikkoinċidu max-xiri reali tal-klijenti. Ix-xiri reali kien jew ħafna inqas, jew ħafna iktar mill-impenn tal-kwantitajiet allegati, filwaqt li l-klijent ukoll xtara RVM mingħand il-kompetituri tagħhom. Insostenn ta' din l-affermazzjoni, ir-rikorrenti jissottomettu rapport ippreparat minn ekonomisti, li rrilevaw ix-xiri reali li sar minn kull klijent rilevanti u qabluhom mal-impenji fuq il-kwantitajiet allegati.

74 Ir-rikorrenti jindikaw li l-konstatazzjonijiet empiriċi ta' dan ir-rapport juru li x-xiri effettiv ta' RVM kien sistematikament ħafna ikbar mill-kwantitajiet kuntrattwali.

Dan huwa konsistenti mal-fatt li r-rikorrenti kienu f'pożizzjoni li joffru "teknoloġija avvanzata", li l-klijenti xtaqu ħafna li jkollom fil-ħwienet tagħhom. Min-naħa l-oħra, dan ma huwiex konstitenti mad-deċiżjoni kkontestata (ara l-premessa 123), li fiha ġie affermat li x-xiri previst fil-ftehim jikkorrispondi "għal kollox jew kważi" għan-numru ta' RVM li l-klijent spiċċa jixtri matul il-perijodu kuntrattwali.

75 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

76 Għal dak li jikkonċerna l-impenji fuq il-kwantitajiet individwalizzati u l-mekkaniżmi ta' tnaqqis retroattiv individwalizzat, ir-rikorrenti jallegaw li xejn ma jistabbilixxi li huma kienu f'pożizzjoni, waqt il-perijodu eżaminat, li jistmaw korrettament il-bżonnijiet tal-klijenti ta' RVM. Issa, skont ir-rikorrenti, l-illegalità ta' dan it-tip ta' prattiki tiddependi ġustament fuq il-kapaċità tal-fornitur li jistma l-bżonnijiet tal-klijenti.

77 Hemm lok li jiġi rrilevat, primarjament, li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata tagħha, effettivament ikkunsidrat li l-impenji fuq il-kwantitajiet u l-iskemi ta' tnaqqis kienu ġew individwalizzati għal kull klijent u li l-livelli kienu jirreferu għall-bżonnijiet totali ta' klijent jew porzjon kbir minnhom (ara, pereżempju, il-premessa 319 tad-deċiżjoni kkontestata).

78 Jista', għaldaqstant jiġi affermat, kif għamlu r-rikorrenti, li d-deċiżjoni kkontestata, fir-rigward tat-teżi dwar l-impenji fuq il-kwantitajiet u l-iskemi ta' skontijiet li hemm fiha, tibbaża ruħha fuq il-fatt li r-rikorrenti kapaċi jindividwalizzaw dan it-tip ta' ftehim billi jkunu jafu l-bżonnijiet ta' kull klijent. Issa, l-argument tar-rikorrenti huwa bbażat fuq il-fatt li, fil-verità, huma ma kinux kapaċi jistmaw b'eżattezza l-bżonnijiet tal-klijenti u, għaldaqstant, li l-Kummissjoni ma setgħetx titkellem fuq ftehim individwalizzati. Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat jekk il-Kummissjoni wettqitx żball f'dan ir-rigward.

79 L-ewwel nett, għandu jiġi rrilevat li l-klijent ġieli indika previżjoni dwar id-domanda futura tiegħu, bħal fil-kuntest tal-ftehim ma' Rimi Svenska (ara l-punt 464 tar-risposta tar-rikorrenti għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, Anness A-4). Barra minn hekk, fir-risposta tagħhom għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, isostnu li, matul il-fażi tan-negozjati tal-kuntratt, "[kien]normali u neċessarju li ż-żewġ partijiet ikollhom idea approssimattiva tal-kwantità, jiġifieri n-numru ta' unitajiet li jistgħu jkunu s-suġġett tal-kuntratt".

80 It-tieni nett, l-affermazzjoni tar-rikorrenti li l-Kummissjoni kkonstatat li l-miri kienu stabbiliti abbażi tax-xiri biss fil-passat hija żbaljata. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni, ġustament, ikkunsidrat, fid-deċiżjoni kkontestata, li, fid-dawl tal-karatteristiċi tas-suq ta' RVM, id-domanda ta' kull klijent kienet faċli biex tipprevediha. Sabiex jipprevedu l-bżonnijiet futuri tal-klijenti tagħhom, ir-rikorrenti kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom elementi differenti: l-indikazzjonijiet ipprovduti mill-klijenti stess, ix-xiri magħmul mill-klijenti matul is-sena preċedenti jew is-snin ta' qabel, l-informazzjoni trasparenti fuq il-fatturi l-iktar rilevanti (in-numru u d-daqs tal-ħwienet, eżistenza jew prevedibbiltà ta' sistema ta' depożitu) kif ukoll l-istudji tas-suq magħmula mir-rikorrenti stess abbażi tal-għarfien profond tagħhom tas-suq (ara l-premessa 298 tad-deċiżjoni kkontestata).

81 B'mod partikolari, rigward l-argument tar-rikorrenti li ebda wieħed mill-ħames pajjiżi kkonċernati mid-deċiżjoni kkontetstata ma introduċa sistema ta' depożitu

obbligatorju bejn l-1998 u l-2002, hemm lok li jiġi rrilevat li d-domanda tar-RVM żdiedet meta ġiet mistennija l-introduzzjoni ta' sistema ta' depożitu, bħal pereżempju kif ġara fil-Ġermanja matul il-perijodu 2000/2001, anki jekk is-sistema kienet ġiet effettivament introdotta fl-aħħar tas-sena 2002 (ara l-premessi 118, 219 u 221 tad-deċiżjoni kkontestata). Bl-istess mod, sistemi "volontarji" ta' ġbir ta' kontenituri tax-xorb, bħal dik eżistenti fin-Norveġja, kellhom ukoll effett manifest u prevedibbli fuq id-domanda ta' RVM (ara l-premessa 242 tad-deċiżjoni kkontestata).

82 Minn dan isegwi li, għall-kuntrarju tal-argument tar-rikorrenti, domanda "mhux rikorrenti" u "irregolari" tista' mandankollu, bħal f'dan il-każ, tkun faċli li tipprevediha.

83 Fir-rigward tat-trattament kunfidenzjali, fid-deċiżjoni kkontestata, informazzjoni tal-klijenti dwar xiri li sar mingħand forniturі li huma kompetituri, għandu jiġi osservat li dan il-fatt ma jistax jippermetti li jiġi konkluż li r-rikorrenti ma kinux f'pożizzjoni li jistmaw id-domanda tal-klijenti tagħhom. It-talba ta' kunfidenzjalità tal-klijenti tindika sempliċement li huma ma xtaqux juru lir-rikorrenti x-xiri li huma wettqu mingħand il-kompetituri.

84 Fl-aħħar nett, fir-rigward ta' nuqqas ta' korrelazzjoni sistematika bejn l-impenji allegati fuq il-kwantitajiet u x-xiri li effettivament sar mill-klijenti, għandu jiġi rrilevat li l-istudju pprovdut mir-rikorrenti jibbaża ruħu fuq qari żbaljat tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, id-deċiżjoni kkontestata tindika li l-kuntratti inkwistjoni kienu jikkorrispondu ġeneralment għat-totalità jew għal proporzjon għoli tal-bżonnijiet effettivi tal-klijenti matul il-perijodu kuntrattwali partikolari u mhux li l-impenji fuq il-kwantitajiet kellhom jikkorrispondu eżattament mad-domanda reali totali kif osservat *ex post facto* (ara l-premessi 102, 108, 123, 124 u 127 tad-deċiżjoni kkontestata).

85 Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata tippreċiża li, meta l-miri ffissati mill-ftehim ma kinux jikkorrispondu għall-bżonnijiet totali tal-klijent, huma kienu jikkorrispondu mill-inqas għal valur ta' bejn 75 % u 80 % tad-domanda totali (ara, pereżempju, il-premessa 159 tad-deċiżjoni kkontestata).

86 F'kull każ, hemm lok li jiġi rrilevat li l-istudju statistiku ppreżentat mir-rikorrenti jidher li jikkonferma t-teżi li fuqha d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata. Fil-fatt, l-analiżi affettwata *a posteriori* mir-rikorrenti turi, essenzjalment, li l-volumi ta' xiri li sar huma, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, ftit ogħla mill-volumi previsti fl-impenji kwantitattivi. Din il-konstatazzjoni hija kkonfermata mit-tabella komparattiva pprovduta mill-Kummissjoni, li fiha l-impenji kwantitattivi u t-tnaqqis immirat ipprattikat huma mqabbla max-xiri li effettivament sar mill-klijenti.

87 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li dan l-ilment jiġi miċħud ukoll.

d) Fuq l-evalwazzjoni ta' ċerti kuntratti konklużi fit-territorju tal-Ġermanja, tal-Pajjiżi l-Baxxi, tal-Isvezja u tan-Norveġja

88 Ir-rikorrenti jsostnu li, għal erba' mill-ħames pajjiżi li fit-territorju tagħhom seħħ il-ksur, il-biċċa l-kbira tal-kuntratti msemmija fid-deċiżjoni kkontestata ġew evalwati b'mod inkoerenti. Dawn il-kuntratti għaldaqstant ma ttiħdux inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni u dan il-motiv huwa biżżejjed sabiex jiġi ġġustifikat l-annullament tal-deċiżjoni kkontestata. Ir-rikorrenti ma jikkontestawx l-analiżi tal-kuntratti fl-Awstrija. L-ewwel motiv tar-rikors għaldaqstant ma jikkonċernax dan is-suq.

89 Għaldaqstant, għandhom jiġu eżaminati hawn isfel l-ilmenti relatati mal-kuntratti li jikkonċernaw il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja u n-Norveġja.

Il-Ġermanja

90 Ir-rikorrenti jsostnu li iktar minn nofs il-kuntratti li kienu jikkoċernaw il-Ġermanja invokati mill-Kummissjoni ma jeżistux jew ma fihom l-ebda klawżola ta' esklużività, ta' impenji fuq il-kwantitajiet jew ta' tnaqqis retroattiv.

91 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

— Edeka Bayern-Sachsen-Thüringen (1998-1999)

92 Ir-rikorrenti jaffermaw li dan il-kuntratt ma kienx esklużiv u li jipprevedi biss li l-klijent kellu jixtri RVM mingħandhom b'mod ikkonċentrat. Il-klijent kien mandankollu awtorizzat jittestja apparati tal-kompetituri kif ukoll li jixtrihom jekk huma kienu joffru vantaġġi sinjifikattivi.

93 Ir-rikorrenti jżiedu li l-Kummissjoni ma ġabet l-ebda prova li l-ftehim seta' jiġi kkwalifikat bħala esklużiv.

94 Hemm lok li jiġi rrilevat li, għall-kuntrarju minn dak li jaffermaw ir-rikorrenti, il-ftehim kien konkluż mill-bidu bħala kuntratt ta' esklużività. Kuntratt verbali, li l-kontenut tiegħu xxandar permezz ta' ittra elettronika fi ħdan is-sussidjarja Ġermaniża tal-grupp Tomra jsostni dan l-argument (ara l/paġna 6686 tal-fajl amministrattiv).

95 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li, meta ftehim ma huwiex esklużiv, il-klijent jibqa' s-sid tal-għażliet tiegħu u jista' jixtri minn kull kompetitur. Ma huwiex normalment neċessarju għall-klijent li jipprova li l-kompetitur għandu "vantaġġ sinjifikattiv" bħal f'dan il-każ.

96 Fir-rigward tal-argument ibbażat fuq il-fatt li l-ftehim inkwistjoni jipprevedi li Bayern-Sachsen-Thüringen tista' effettivament tittestja l-prodotti tal-kompetituri tar-rikorrenti, għandu jiġi kkunsidrat li, sabiex klijent jordna apparati minn fornitur ġdid, jeħtieġ li huwa jkun ittestjahom matul ċertu perijodu; perijodu ta' esklużività ma huwiex għaldaqstant inkompatibbli maż-żamma tad-dritt li jiġu ttestjati l-apparati tal-kompetituri. Barra minn hekk, kuntratt li ma huwiex esklużiv ma fihx, bħala prinċipju, tali klawżola.

97 Għaldaqstant hemm lok li jiġi rrilevat li, kif ġustament enfasizzat il-Kummissjoni, kuntratt ma fihx, normalment, klawżoli li jirrestringu jew li jmexxu l-għażliet ta' xiri magħmula mill-klijent. Fil-fatt, klawżoli bħal dawk li jħallu l-possibbiltà lill-klijent li jittestjaw l-apparati tal-kompetituri matul perijodu limitat jew klawżola li ma tippermettix li wieħed jixtri mingħand kompetituri sakemm ma jkunx hemm vantaġġ sinjifikattiv ma humiex indikazzjoni li l-ftehim ma huwiex esklużiv.

98 Għaldaqstant, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

— Edeka Handelsgesellschaft Hessenring (1999)

99 Ir-rikorrenti jikkontestaw il-mod ta' kif il-Kummissjoni analizzat il-ftehim tal-1999, billi sostnew li hija ma ressqet l-ebda prova insostenn tal-affermazzjoni li l-limitu ta' DEM 2 miljuni, li kellu jintlaħaq sabiex jinkiseb skontar individwalizzat ta' 0.5 %, kien jirrappreżenta sistema ta' tnaqqis individwalizzat ibbażat fuq it-totalità jew kważi t-totalità tal-bżonnijiet tal-klijent. Ir-rikorrenti jżidu li dan il-limitu ma kienx inkiseb minn Edeka Handelsgesellschaft Hessenring fl-1999. B'hekk, anki kieku tali kwalsola ta' skontar li tiddependi fuq l-ammont ta' xiri kienet teżisti, din ma setgħetx tiġi applikata.

100 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, kif għamlu r-rikorrenti, li, fil-fatt, il-Kummissjoni ma wrietx fid-deċiżjoni kkontestata, li l-ftehim ma' Edeka Handelsgesellschaft Hessenring kien jirrappreżenta sistema ta' tnaqqis individwalizzat ibbażat fuq it-totalità jew kważi t-totalità tal-bżonnijiet tal-klijent. Fin-nuqqas ta' elementi oħra, il-fatt li Edeka Handelsgesellschaft Hessenring ma xratx prodotti għal ammont li jeċċedi l-limitu speċifiku sabiex jinkiseb l-iskontar jidher li jikkonferma dan il-fatt.

101 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li, anki jekk il-Kummissjoni ma pprovatx li dan huwa ftehim individwalizzat, ma jistax jiġi nnegat li dan huwa xorta ftehim ta' tnaqqis progressiv u retroattiv. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, fil-każ fejn il-klijent kien xtara kwantità inferjuri għal-livell, il-Kummissjoni tafferma, mingħajr ma ġiet kontradetta mir-rikorrenti, li hija inkludiet biss fis-"sehem marbut" ix-xiri reali mill-impriża f'pożizzjoni dominanti matul il-perijodu tal-ftehim.

102 Għaldaqstant, dan l-ilment tar-rikorrenti ma jistax jintlaqa'.

— Edeka Baden-Württemberg (2000)

103 Ir-rikorrenti jallegaw li l-kuntratt inkwistjoni ma jistax jiġi kkwalifikat bħala esklużiv. Għalihom, dan huwa konferma ta' ordni li tikkonċerna 1.7 % tal-ħwienet ta' Edeka. Il-ftehim ma fih l-ebda informazzjoni rigward il-possibbiltà li dan jista' jkun ftehim ta' esklużività.

104 L-argument imressaq mir-rikorrenti ma huwiex konvinċenti, inkwantu l-Kummissjoni ressqet prova darbtejn li dan huwa kuntratt ta' esklużività. Fil-fatt, insostenn tal-argument tagħha, il-Kummissjoni ppreżentat nota interna tal-24 ta' Settembru 2000 (ara l-paġna 6625 tal-fajl amministrattiv) li tirreferi għal ftehim ta' esklużività eżistenti ("bestehenden Exclusivvertrag").

105 Barra minn hekk, fir-rigward tal-argument ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni rreferiet għal Edeka fit-totalità tagħha, għandu jiġi ppreċiżat li dan ma huwiex il-każ. Fil-fatt, il-Kummissjoni speċifikat li l-ftehim huwa limitat għall-ħwienet il-ġodda ta' Edeka.

106 Konsegwentement, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

— COOP Schleswig-Holstein (2000)

107 Ir-rikorrenti qed jallegaw li dan ma huwiex kuntratt ta' esklużività. Huma jippreċiżaw li l-Kummissjoni kellha f'idejha korrispondenza bejnhom u COOP, li tikkonferma x-xiri minn COOP ta' 25 RVM. Ma kienx hemm ftehim esklużiv, partikolarment peress li, skont ir-rikorrenti, COOP xtrat biss 7 RVM. Minn dan, ir-rikorrenti jikkonkludu li l-partijiet ma kinux ħassuhom marbuta b'din l-ittra.

108 Ir-rikorrenti jżidu li, fl-ittra tal-10 ta' Marzu 2000, l-ebda klawżola ma impedixxiet lil COOP milli jixtri mingħand il-kompetituri tagħhom.

109 Mandankollu, il-prova pprovduta mill-Kummissjoni, li l-ittra tal-10 ta' Marzu 2000 ta' Tomra Systems GmbH lil COOP kienet tikkonċerna "ftehim ta' qafas esklużiv", hija biżżejjed sabiex jintwera li l-ftehim inkwistjoni kien tassew kuntratt ta' esklużività.

110 Għal din ir-raġuni, dan l-ilment tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

— Netto

111 Ir-rikorrenti jsostnu li l-bonus progressiv inkluż fil-kuntratt ma setax jingħata, inkwantu l-klijent ma kienx ordna n-numru ta' RVM neċessarju sabiex jibbenefika mill-imsemmi bonus. Sabiex ikollu dritt għal 2 RVM b'xejn, Netto kellu jordna 150. Issa, l-ordni kienet ta' 109 unitajiet biss fl-2001 u ta' 126 unitajiet fl-2002, skont ir-rikorrenti.

112 Ir-rikorrenti jżidu li l-mira ma kinitx intlaħqet, peress li x-xiri reali kien inqas sew u l-fatt li l-kuntratt kien ġie unilateralment ipprorogat minnhom lil hinn mid-data inizjalment prevista huwa irrilevanti, peress li l-klijent ma setax jistenna li huma jipproċedu għal estensjoni, u dan jipprekludi, f'dan il-każ, kull effett disważiv.

113 Fir-rigward tal-kuntratt ma' Netto, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm huwa minnu li l-limiti ma kinux intlaħqu, id-deċiżjoni kkontestata tindika fil-premessa 202 li l-imsemmi kuntratt kien ġie pprorogat, b'mod probabbli bl-għan li l-klijent jilħaq il-limiti suċċessivament. Ir-rikorrenti ma wrewx li dan ma kienx il-każ. Għaldaqstant, l-ilment għandu jiġi miċħud.

— Rewe Wiesloch and Rewe-Hungen (1997)

114 Ir-rikorrenti jikkontestaw li kienu l-fornitur esklużiv ta' RVM ta' dawn iż-żewġ organizzazzjonijiet u jaffermaw li s-suq tal-provvsita ta' RVM ġie attribwit lil Halton fl-1997.

115 Ma hemmx lok, madankollu, li jkun hemm deċiżjoni fuq dan l-ilment, peress li l-ftehim ma jikkonċernax il-perijodu eżaminat mid-deċiżjoni kkontestata.

— Rewe Hungen (2000)

116 Ir-rikorrenti jsostnu li l-ftehim ma jmurx kontra l-Artikolu 82 KE, peress li l-ordni magħmula minn Rewe mingħandhom kienet inferjuri sew (inqas minn 50 %) tal-bżonnijiet tal-klijent. Barra minn hekk, skonthom, il-volum effettivament mixtri kien sostanzjalment ogħla mill-mira miftiehma bejn il-partijiet.

117 Hemm lok li jiġi rrilevat li l-fatt li klijent ma jeċċedix il-limitu ffissat mill-kuntratt ma jneħħi xejn mill-persważjoni addizzjonali mogħtija mit-tnaqqis sakemm il-volum immirat jintlaħaq. Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li, waqt il-kalkolu tad-daqs tal-volum mhux disponibbli għall-kompetizzjoni, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni biss il-volum sal-limitu (f'dan il-każ 20 apparat) u kkunsidrat il-bqija tax-xiri tal-klijent bħala domanda li tista' tinkiseb.

118 Għaldaqstant, dan l-ilment tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

119 Fid-dawl tal-preċedenti, għandu jiġi konkluż li d-deċiżjoni kkontestata ma hijiex ivvizjata minn żball manifest ta' evalwazzjoni għal dak li jikkonċerna l-ftehim konkluż fil-Ġermanja.

Il-Pajjiżi l-Baxxi

120 Ir-rikorrenti jikkontestaw l-evalwazzjoni magħmula mill-Kummissjoni fuq erba' kuntratti eżaminati fis-sezzjoni tad-deċiżjoni kkontestata li tikkonċerna l-Pajjiżi l-Baxxi. Skont ir-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata tikkwalifika b'mod żbaljat dawn il-kuntratti, li ma jistgħux ikunu rilevanti fir-rigward ta' ksur tal-Artikolu 82 KE.

121 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

— Albert Heijn (1998-2000)

122 Ir-rikorrenti jsostnu li l-konferma tagħhom ta' ordni mhux iffirmat, datat it-30 ta' Ottubru 1998, li ssemmi l-fatt li Albert Heijn kienet ordnat permezz tat-telefown 200 RVM, ma fiha l-ebda informazzjoni li fuqha tista' tiġi bbażata l-affermazzjoni li Albert Heijn kienet obbligata tixtri 200 RVM jew li l-prezz kien jinbidel kieku l-klijent għażel li jixtri volum iżgħar ta' RVM, jew li din kienet tikkostitwixxi l-bżonnijiet totali jew kważi totali tal-klijent. Fil-fatt, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li f'April 2000, Albert Heijn xtrat biss 121 RVM mingħand ir-rikorrenti.

123 Mandankollu hemm lok li jiġi rrilevat li d-dokument inkwistjoni jistipula espressament li Albert Heijn kienet obbligata tixtri 200 RVM: "Albert Heijn qed tintrabat sabiex tixtri 200 apparat awtomatiku Tomra T600 qabel il-31 ta' Diċembru 2000, b'estenzjoni sal-31 ta' Marzu 2001 inkluż".

124 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, hekk kif sostniet il-Kummissjoni, ir-rikorrenti bagħtulha dan il-ftehim, fil-kuntest tar-risposta tagħha tal-14 ta' Marzu 2002 għat-talba għal informazzjoni li hija fformulat taħt l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 17, u li, mir-risposta tagħhom sad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijet, huma qatt ma sostnew li l-ftehim, inkluż fl-istess komunikazzjoni, ma kienx iffirmat jew li qatt ma eżista.

125 Barra minn hekk, fir-rigward tal-konstatazzjoni li f'April 2000, Albert Heijn xtrat biss 121 RVM mingħand ir-rikorrenti, għandu jiġi rrilevat li f'din id-data, kien baqa' sena sħiħa qabel l-iskadenza prevista fil-ftehim. Għaldaqstant, ma huwiex possibbli li jiġi kkunsidrat, fid-dawl ta' dawn l-elementi, li l-ftehim ma ġiex osservat.

126 Għandu jingħad ukoll li l-eżistenza ta' dan il-ftehim hija kkonfermata mill-ftehim Royal Ahold Global Master, eżaminat iktar 'il quddiem, li kien ftehim ta' esklużività iktar wiesa', konkluż ma' Royal Ahold, grupp li għalih kienet tappartjeni Albert Heijn. L-Artikolu 4.2 ta' dan il-ftehim isemmi l-ftehim preċedenti li seħħ bejn Albert Heijn u jfakkar li "skont il-ftehim tat-30 ta' Ottubru 1998", Albert Heijn għad għandha "tixtri 79 apparat addizzjonali għal [Tomra Systema BV]", u dan jikkorrispondi għad-differenza bejn l-impenn inizjali li jinxtraw 200 aparat u l-121 apparat diġà mixtrija.

127 Fid-dawl tal-preċedenti, hemm lok li jiġi konkluż li d-dokument inkwistjoni juri l-eżistenza ta' kuntratt li bih Albert Heijn kienet obbligata tixtri 200 RVM mingħand ir-rikorrenti.

— Royal Ahold (2000-2002)

128 Ir-rikorrenti jikkontestaw il-fatt li l-ftehim Royal Ahold Global master kien esklużiv u huma jsostnu li xejn f'dan il-ftehim ma jimpedixxi lil Royal Ahold li tixtri apparati tal-kompetituri. Huma jsostnu li s-sezzjoni 1.2 tal-ftehim isemmi espressament il-fatt li Royal Ahold hija libera li tixtri mingħand fornituri oħra u li Royal Ahold ma hijiex obbligata li twaqqaf ftehim eżistenti konklużi ma' fornituri oħra tar-RVM. Fil-fatt, ir-rikorrenti jsostnu li huma kellhom ikunu biss "fornitur prinċipali" u mhux esklużiv.

129 Ir-rikorrenti jżidu li l-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata stess tirrikonoxxi li Royal Ahold xtrat RVM minn fornituri oħra matul il-perijodu tal-kuntratt. Barra minn hekk, huma jsostnu li d-dikjarazzjonijiet imsemmija fir-risposta u l-indikazzjonijiet tagħhom sabiex jispjegaw il-ftehim ma jikkostitwixxux, skont id-dritt tal-kuntratti applikabbli f'dan il-każ [jiġifieri dak ta' New York (l-Istati Uniti)], provi li jistgħu jikkonvinċu qorti biex issaħħaħ l-esklużività kontra Royal Ahold. Il-fatt li Royal Ahold ipproċediet għax-xiri mingħand fornituri li kienu kompetituri tqajjem il-kwistjoni ta' x'effett disważiv reali seta' kellu dan l-kuntratt.

130 L-argumenti tar-rikorrenti li jikkonċernaw il-ftehim ma' Royal Ahold ma jistgħux jintlaqgħu.

131 Fil-fatt, id-dokumenti ċċitati fid-deċiżjoni kkontestata jikkonfermaw li dan il-kuntratt kien esklużiv. L-istqarrija uffiċjali tar-rikorrenti tat-13 ta' April 2000 tindika, pereżempju, li "[il-grupp] Tomra u [...] Royal Ahold iffirmaw ftehim mondjali li jinnomina lil[l-grupp] Tomra bħala l-fornitur esklużiv ta' Royal Ahold għar-reverse vending machines u s-servizzi relati magħhom matul perijodu ta' tliet snien" (ara l-premessa 139 tad-deċiżjoni kkontestata). Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti, fir-risposta tagħhom għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, irrikonoxxew dan espressament.

132 Huwa ċertament minnu, kif ammettiet ukoll il-Kummissjoni, li l-ftehim ma jobbligax lil Royal Ahold sabiex tirrexxindi l-ftehim eżistenti ma' fornituri oħra ta' RVM qabel l-iskadenza. Madankollu, għandu jiġi osservat li s-sezzjoni 1.2 tal-ftehim kienet tipprevedi li x-xiri ta' RVM oħra mingħand kompetituri "ma kienx ipprojbit", "bil-kundizzjoni madankollu li t-terminu għal dak li jikkonċerna dawn l-apparati addizzjonali ma jaqbiżx l-itwal terminu eżistenti li jkun baqa' fil-ħwienet għall-bejgħ bl-imnut fejn l-apparati addizzjonali huma installati".

133 Is-sezzjoni 1.2 tal-ftehim inkwistjoni tipprevedi, għaldaqstant, li l-ftehim ma' fornituri oħra għandhom jiġu tterminati progressivament u li l-kuntratti mal-kompetituri li t-terminu tagħhom jeċċedi l-itwal terminu eżistenti li jkun baqa' fuq il-livell ta' kull ħanut individwali ma huwiex aċċettabbli.

134 Għaldaqstant, dan l-ilment tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

— Lidl (1999-2000)

135 Ir-rikorrenti jsostnu li, għal dak li jikkonċerna l-ftehim tax-xahar ta' April 1999, il-Kummissjoni naqset milli żżid mal-provi l-fatt li l-ordni ta' Lidl issemmi espressament li Lidl Nderland GmbH ma ntrabtitx bi ftehim ta' esklużività.

136 Barra minn hekk, il-Kummissjoni żnaturat il-provi meta hija affermat li l-intenzjoni ta' Lidl kienet li tixtri "tal-inqas" 40 RVM, peress li l-ittra ssemmi biss il-fatt li Lidl kellha l-intenzjoni tixtri 40 RVM. Il-Kummissjoni ukoll irrikonoxxiet li Lidl xrat biss 21 RVM mingħand ir-rikorrenti fl-1999.

137 Ir-rikorrenti josservaw li, fil-premessa 142 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tirreferi għal ftehim tal-2000, konkluż sabiex "jiġu sostitwiti 44 magni Halton qodma u 33 magni Tomra qodma b'77 RVM Tomra ġodda minn issa sal-aħħar ta' dik is-sena". Ebda kwantità minima ma kienet speċifikata. L-ittra tikkonferma pjuttost li Lidl kienet ordnat 77 RVM sabiex tissostitwixxi l-istess numru ta' RVM qodma fil-ħwienet

tagħha. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li Lidl kienet, fil-fatt, xtrat 82 RVM mingħand ir-rikorrenti fl-2000. Skont ir-rikorrenti, l-ittra turi b'mod ċar li Lidl talbithom jissostitwixxulha l-magni tagħha, peress li t-teknoloġija avvanzata tagħhom setgħet tiġi adattata iktar speċifikament għall-bżonnijiet ta' Lidl.

138 Fir-rigward tal-ftehim tax-xahar ta' April 1999, għandu jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni kkontestata ma tikkwalifikax il-ftehim ma' Lidl bħala esklużiv. Dan il-ftehim huwa deskritt taħt it-titolu "Esklużività u impenji kwantitattivi" fil-premessa 142 tad-deċiżjoni kkontestata u taħt it-titolu "Impenji fuq il-kwantitajiet u kundizzjonijiet unilaterali marbuta ma' kwantitajiet partikolari" fil-premessa 302 tad-deċiżjoni kkontestata. Fir-rigward għall-konstatazzjoni tar-rikorrenti li Lidl xtrat 21 apparat biss fl-1999, għandu jiġi enfasizzat li dan il-fatt ma jistax jinvalida l-fatt li dan il-ftehim jobbliga lill-klijent biex jixtri 40 apparat fuq perijodu ta' sentejn, u li l-perijodu kuntrattwali ta' sentejn ma kienx għadu għadda.

139 Għalhekk, l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti dwar dan il-ftehim għandhom jiġu miċħuda.

140 Fir-rigward tal-ftehim iffirmat fid-29 ta' Settembru 2000, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat, minn naħa, li r-rikorrenti ma jikkontestawx li l-klijent intrabat sabiex jixtri 77 apparat għall-aħħar tas-sena u, min-naħa l-oħra, li d-deċiżjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni dan il-ftehim sabiex tikkalkula s-sehem mis-suq li ma jistax jittieħed mill-kompetituri tar-rikorrenti (ara l-premessa 163 u n-nota f'qiegħ il-paġna Nru 335 tad-deċiżjoni kkontestata).

141 Konsegwentement, lanqas dan l-ilment ma jista' jiġi aċċettat.

— Superunie (2001)

142 Ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li Superunie hija organizzazzjoni ċentrali ta' xiri ta' dritt Olandiż, li l-membri tagħha jieħdu d-deċiżjonijiet ta' xiri tagħhom indipendentement u li l-ftehim iffirmat ma' din it-tip ta' organizzazzjoni, li fih impenn li jinxtraw minimu ta' 130 apparat fuq perijodu ta' sena u nofs, ma huwiex vinkolanti għall-membri tagħha.

143 L-argumenti tar-rikorrenti ma jistgħux jintlaqgħu. F'dan ir-rigward, għandu jsir riferiment għall-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punti 61 sa 66 hawn fuq, relatati mal-ftehim mal-organizzazzjonijiet ċentrali tax-xiri.

144 Fid-dawl tal-preċedenti, hemm lok li jiġu kkunsidrati li, għal dak li jikkonċerna l-erba' kuntratti tal-Pajjiżi l-Baxxi kkontestati mir-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata ma hija vvizjata mill-ebda żball manifest ta' evalwazzjoni.

L-Isvezja

145 Ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata tikkwalifika b'mod żbaljat il-biċċa l-kbira tal-ftehim konkluż fl-Isvezja, u li hija vvizzjata minħabba dan il-fatt bi żball manifest.

146 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

— ICA Handlares (l-Isvezja) u Hakon Gruppen (in-Norveġja) (2000-2002)

147 Ir-rikorrenti jallegaw li peress li dan il-kuntratt kien anness mal-kuntratt konkluż bejn il-grupp Tomra u Royal Ahold, ma jistax jiġi kkwalifikat bħala esklużiv peress li l-ftehim Royal Ahold stess ma huwiex ikkwalifikat bħala esklużiv.

148 Ir-rikorrenti jżidu li ICA bħal Hakon huma "uffiċċji ta' amministrazzjoni ċentrali" għall-ħwienet totalment indipendenti. B'hekk, ir-rikorrenti jsostnu li, anki jekk il-ftehim inkwistjoni kien esklużiv, xejn ma jimpedixxi lill-ħwienet milli jixtru RVM mingħand kompetituri tar-rikorrenti.

149 Għal dak li jikkonċerna l-argument ibbażat fuq il-kwalifika ta' esklużività tal-kuntratt, għandu jiġi rrilevat li l-kuntratt Royal Ahold Global Master ġie eżaminat qabel u ġie konkluż li dan huwa ftehim ta' esklużività (ara l-punti 128 sa 133 hawn fuq). Il-Kummissjoni għaldaqstant ikkonkludiet ġustament li, peress li l-ftehim ICA kien anness ta' dan il-kuntratt, huwa jsir minnu stess esklużiv. Jirriżulta, barra minn hekk, mill-fajl u, b'mod partikolari, mill-"proposta ta' skontar globali addizzjonali fin-Norveġja u fl-Isvezja", li l-Kummissjoni setgħet tafferma, ġustament, li l-ftehim fih ukoll klawżola li tippermetti l-ksib tal-benefiċċju ta' skontar addizzjonali waqt ix-xiri ta' RVM. Fil-fatt, il-Kummissjoni kkwalifikat il-ftehim bħala abbużiv, peress li fih biss klawżola ta' esklużività. Skontar ta' 10 % kienet ingħatat lil ICA, flimkien mal-iskema ta' skontar implementata fl-Isvezja, jekk hija tintrabat li tixtri minimu ta' 1 100 RVM ġodda għat-territorju tal-Isvezja u tan-Norveġja, matul perijodu mill-2000 sa 2002. Il-ftehim għalhekk kellu bħala għan mhux biss l-istabbiliment ta' klawżola ta' esklużività, iżda wkoll li tagħmel leali l-klijenti ta' ICA u ta' Hakon permezz ta' skontar li kien ingħata 'il fuq minn kwantità fissa ta' xiri ta' RVM.

150 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti bbażat fuq l-indipendenza tal-ħwienet, huwa biżżejjed li jsir riferiment għall-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 61 sa 66 hawn fuq, dwar l-organizzazzjonijiet ċentrali tax-xiri.

151 Għal dawn ir-raġunijiet, dan l-ilment għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

— Rimi Svenska (2000)

152 Ir-rikorrenti jaffermaw li ma hemm l-ebda impenn fuq il-kwantitajiet li jirriżulta mill-ordni globali tax-xahar ta' April 2000, peress li Rimi Svenska, matul il-perijodu kopert mill-ftehim, kienet xtrat biss 23 RVM għal SEK 2.6 miljun, filwaqt li tnaqqis retroattiv kien pagabbli biss jekk ix-xiri jaqbeż SEK 7.5 miljun.

153 Ir-rikorrenti jindikaw, fir-replika, li l-mira prevista ma kinitx intlaħqet fil-kuntest tal-kuntratt iktar wiesa' konklużż ma' ICA.

154 Dawn l-argumenti ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni, peress li l-ftehim ma' Rimi Svenska kien ġie sostitwit f'Ottubru 2000 minn ftehim ikbar, iffirmat ma' ICA Ahold, li tagħha Rimi Svenska hija s-sussidjarja, li jipprevedi l-istess tnaqqis ta' 10% iżda kundizzjonijiet iktar flessibbli għall-kisba tal-iskontar. Rimi Svenska għaldaqstant ma tilfitx it-tnaqqis li għalihom hi kellha dritt taħt il-ftehim preċedenti, li kien jipprevedi wkoll skontar jekk hi tinnomina lill-grupp Tomra bħala fornitur prinċipali.

155 L-ittra tat-2 ta' Novembru 2000, annessa mar-rikors, ma tistax, f'dan ir-rigward, tiġi injorata, peress li hija tikkonferma li Rimi Svenska bbenefikat minn skontar retroattiv parzjali u li l-bqija kien ser ikun imħallas f'Novembru 2000. Id-dokument jippreċiża, barra minn hekk, li l-ordni globali hija tterminata u ssostitwita mill-ftehim ICA, li huwa, kif ġie mfakkar fil-punt 154 hawn fuq, iktar ġenerali. Għandu jiġi rrilevat, barra minn hekk, li l-affermazzjoni tar-rikorrenti, li l-mira prevista lanqas ma ntlaħqet fil-kuntest tal-kuntratt iktar wiesa' konkluż ma' ICA, ma hijiex fondata.

156 Għaldaqstant, dan l-ilment għandu jiġi miċħud ukoll.

— Spar, Willys u KB Exonen (grupp Axfood) (2000)

157 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma ressqet l-ebda prova tal-eżistenza ta' ftehim li jagħti lil Spar id-"dritt" għat-tnaqqis retroattiv. Ir-rikorrenti jsostnu li, fir-risposta tagħhom għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, huma kienu espliċitament irriferew għad-dikjarazzjoni ta' Axfood, li tindika li Spar u Willys wettqu x-xiri tagħhom skont ftehim konkluż bejn D-Gruppen u l-grupp Tomra fl-2000, li ma kienx joffri skontar ibbażat fuq volumi.

158 Għandu jiġi rrilevat, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, tafferma li l-ftehim inkwistjoni fih skontar retroattiv b'korrispettiv tax-xiri ta' kwantità partikolari ta' prodotti tar-rikorrenti. Dawn tal-aħħar isostnu li l-Kummissjoni ma fondatx il-konstatazzjonijet tagħha.

159 Mandakollu, ir-rikorrenti jidhru li qed iressqu argumenti kontradittorji. Fil-fatt, l-ewwel, fil-kuntest tal-informazzjoni li huma pprovdew lill-Kummissjoni, ir-rikorrenti rrikonoxxew li kkonkludew ftehim ma' Spar u Willys li fihom klawżoli ta' skontar retroattiv. Imbagħad, wara, ir-rikorrenti affermaw li dawn il-ftehim, jew kienu inklużi fi ftehim iktar wiesa' li ma fihx klawżola ta' skontar, jew qatt ma eżistew. Fl-aħħar nett, huma allegaw li ċerti provi kienu sparixxew.

160 Fid-dawl tal-provi li l-Qorti Ġenerali għandha għad-dispożizzjoni tagħha, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

— Axfood (2001)

161 Ir-rikorrenti jsostnu li dan il-ftehim ma kienx vinkolanti u li Axfood ma kinitx obbligata tixtri l-kwantitajiet ikkonċernati. Huma jsostnu li Axfood xtrat biss nofs il-kwantità miftiehma.

162 Huwa paċifiku li dan il-ftehim ma kienx esklużiv u lanqas ma kien fih impenji fuq il-kwantitajiet.

163 Dan il-ftehim huwa ċċitat fil-premessi 314 tad-deċiżjoni kkontestata, taħt it-titolu "Sistemi ta' tnaqqis". Kif jindikaw il-premessa 178 u in-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 389 tal-imsemmija deċiżjoni, dan huwa ftehim li jipprevedi limiti li jagħtu lill-klijent id-dritt ta' tnaqqis retroattiv, skont in-numru ta' apparati mixtrija. Peress li r-rikorrenti ma humiex qed jikkontestaw din il-konstatazzjoni, ma hemmx lok li jkun hemm deċiżjoni fuq dan l-ilment.

— Axfood (2003-2004)

164 Ir-rikorrenti jikkunsidraw li dan il-ftehim ma kienx esklużiv, peress li Axfood kienet espressament awtorizzata tittestja l-apparati tal-kompetituri u li xejn fil-ftehim ma kien jimpedixxiha tixtri tali apparati.

165 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li dan il-ftehim ma kienx jidħol fil-kamp temporali tal-ksur ikkonstatat fid-deċiżjoni kkontestata. Għaldaqstant, ma huwiex neċessarju li tingħata deċiżjoni fuq dan l-ilment tar-rikorrenti.

166 Fil-dawl tal-preċedenti, għandu jiġi konkluż li d-deċiżjoni kkonstatata ma hija vvizjata minn ebda żball manifest ta' evalwazzjoni għal dak li jikkonċerna l-ftehim konkluż fl-Isvezja.

In-Norveġja

167 Ir-rikorrenti jsostnu li l-ftehim kollha li jikkonċernaw in-Norveġja (100 % tal-bejgħ tar-rikorrenti fin-Norveġja) invokati mill-Kummissjoni jew ma jeżistux jew ma fihom l-ebda klawżola ta' esklużività, ta' impenji fuq il-kwantitajiet jew skontar retroattiv.

168 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti imressqa mir-rikorrenti.

— Køff Hedmark u Rema 1000 (1996), AKA/Spar Norge (1997)

169 Ir-rikorrenti jsostnu li l-ftehim allegati mal-klijenti msemmija iktar 'il fuq ma humiex kuntratti ta' esklużività, iżda ittri sempliċi ta' offerta li qed issemmi l-prezz.

170 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jenfasizzaw li peress li l-ftehim huma datati 1996 u 1997, dawn jinsabu barra mill-kamp ta' applikazzjoni temporali tad-deċiżjoni kkontestata.

171 Fid-dawl tal-fatt li dawn it-tliet kuntratti jinsabu, effettivament, barra mill-kamp ta' applikazzjoni temporali tad-deċiżjoni, ma huwiex neċessarju li ssir deċiżjoni fuq dan l-ilment.

— NorgesGruppen, Hakon Gruppen, NKL (COOP) u Rema 1000 (1999-2000)

172 Ir-rikorrenti jilmentaw l-ewwel nett, li l-Kummissjoni ma sseparatx il-kuntratti differenti inkwistjoni u, fir-rigward tal-premessi inkwistjoni, li dawn huma "diffiċli biex jinqraw".

173 Fir-rigward tal-ftehim ma' NorgesGruppen, ir-rikorrenti jsostnu li l-ftehim ma huwiex esklużiv. Fil-fatt, huma jaffermaw li d-domanda totali tal-klijent kienet ta' 1 300 RVM. Issa, 635 RVM biss ġew ordnati mingħand ir-rikorrenti. Peress li l-bżonnijiet kienu ikbar mid-domanda, minn dan ir-rikorrenti jikkonkludu li x-xiri addizzjonali seħħ mingħand impriżi li kienu kompetituri. B'hekk, il-Kummissjoni naqset milli tieħu

inkunsiderazzjoni ittra tat-13 ta' Ottubru 1998 li tikkonferma l-bżonnijiet effettivi tal-klijent.

174 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni stess irrikonoxxiet li NorgesGruppen ma kienx kostrett jixtri minimu ta' RVM mingħandhom. L-ordni ta' dawn tal-aħħar u l-konferma tagħhom isemmu espressament il-fatt li l-kuntratt ma kienx esklużiv.

175 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti josservaw li l-Kummissjoni qajmet argument rilevanti fir-rigward tal-iskontar li NorgesGruppen kellha tirrimborsa jekk hija tixtri inqas minn 500 RVM. Issa, ir-realtà turi li dan ma kienx il-każ, peress li 635 apparat kienu ġew ordnati. Il-Kummissjoni ma setgħetx turi kif il-ftehim huwa differenti minn skontar ordinarju fuq il-volumi.

176 Fir-rigward ta' Hakon Gruppen, ir-rikorrenti jallegaw li ebda limitu minimu ta' xiri ma ġie ffissat, peress li l-konferma tal-ordni mill-klijent tistipula li huwa seta' jixtri numru iżgħar ta' RVM anki jekk huwa kellu dritt għal skont biss għall-magni realment mixtrija. Din il-prova ma ġietx ikkontestata mill-Kummisjoni.

177 Barra minn hekk, ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-provi li jikkonfermaw li l-kuntratt ma kienx esklużiv u b'mod partikolari l-minuti ta' laqgħa tal-"Kumitat għall-ħwienet" tat-2 ta' Frar 1999.

178 Fir-rigward ta' NKL (COOP), ir-rikorrenti jsostnu li l-klijent ma kienx obbligat jixtri l-volum miftiehem, u li d-deċiżjoni kkontestata ma tipprovax li r-rikorrenti aġġustaw l-ordni għad-domanda individwali tal-klijent. Bl-istess mod, ir-rikorrenti jaffermaw li NKL xtrat ukoll mingħand il-kompetitur Lindco matul il-perijodu kkonċernat.

179 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-ftehim konkluż ma' Rema 1 000, ir-rikorrenti jallegaw li l-ftehim allegat li kien jipproponi tnaqqis, fir-rigward ta' ordni ta' 200 RVM, ma kienx iffirmat mill-klijent, u li ma jobbligax lil Rema 1 000 li tixtri kwantità minimi ta' RVM. Huma jinvokaw dikjarazzjonijiet ta' Rema 1 000 li jistqarru li fornituri oħra ma jistgħux jikkompetu mal-kwalità u l-livell ta' servizz tar-rikorrenti. Huma jżidu, fl-aħħar nett, li Rema 1 000 xtrat prinċipalment mingħand il-kompetituri tagħhom.

180 Għandhom jiġu analizzati flimkien il-ftehim NorgesGruppen, Hakon Gruppen, NKL (COOP) u Rema 1 000. Essenzjalment, ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni kkwalifikat dawn il-kuntratti bħala esklużivi u li affermat li r-rikorrenti pprovdew skont progressiv inkambju għal kwantità ordnata.

181 Fir-rigward tal-argument ibbażat fuq l-eżistenza ta' kuntratti ta' esklużività, ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq din il-kwistjoni, peress li d-deċiżjoni kkontestata ma kkwalifikatx dawn il-ftehim bħala esklużivi (ara l-premessa 302 tad-deċiżjoni kkontestata).

182 Fir-rigward tal-argument ibbażat fuq il-kwalifika tal-ftehim ta' impenji fuq il-kwantitajiet inkambju għal skontijiet kbar, il-Kummissjoni ppreċiżat, ġustament, li dak li huwa importanti sabiex jiġi konkluż li jeżistu ftehim ta' impenji huwa li jiġi ddeterminat jekk il-prattiki joħolqux persważjoni biex ma jixtrux mingħand il-kompetituri.

183 Fil-fatt, fir-rigward tal-ftehim konkluż ma' Rema 1 000, jidher li l-iskont huwa kbir, propozjonalment man-numru ta' magni li għandhom jinxtraw (14 % għall-200), peress li, għall-kuntratti l-oħra, jeżisti skont ekwivalenti, iżda għal kwantità ta' xiri ogħla sew (500 magni). Barra minn hekk, għall-kuntratti l-oħra kollha, ir-rikorrenti pproponu li jitħallsu l-iskontijiet qabel ix-xiri tar-RVM u ppreċiżaw li, jekk il-kwantità prevista ma tkunx intlaħqet, il-klijenti jkollhom iħallsu lura dan l-iskont għal kull magna mhux mixtrija. Minn dan jirriżulta, hekk kif ġustament enfasizzat il-Kummissjoni, inċentiv ikbar għall-klijent milli kieku l-iskont ġie mħallas wara kull ordni.

184 Konsegwentement, għandu jiġi miċħud dan l-ilment tar-rikorrenti.

— NorgesGruppen (2000-2001)

185 Fir-rigward tal-ftehim NorgenGruppen għas-snin 2000 u 2001, ir-rikorrenti jallegaw li ma seħħ ebda ftehim ma' dan il-klijent għall-kuntrarju ta' dak li tafferma l-Kummissjoni. Fil-fatt, din hija ittra ta' offerta mhux iffirmata.

186 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-ittra ta' offerta mhux iffirmata meħmuża mar-rikors, ingħatat mir-rikorrenti lill-Kummissjoni fil-kuntest tar-risposta tagħhom għal talba għal informazzjoni (ara l-paġni 7212-7219 u 7441-7443 tal-fajl amministrattiv u l-Appendix 6 għar-risposta ta' Tomra tal-14 ta' Marzu 2002), li talbet lir-rikorrenti sabiex jindikaw il-ftehim kollha, inklużi dawk li ġew inklużi b'mod informali.

187 Għandu, barra minn hekk, jingħad li, abbażi ta' elementi fil-fajl, jista' jiġi affermat li r-rikorrenti offrew tnaqqis li jitħallas minn qabel abbażi ta' mira ta' volum ta' 150 RVM u pprovdew lill-klijent bi prezz imnaqqas (ara l-premessa 247 u n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 547 tad-deċiżjoni kkontestata).

188 Issa, għalkemm huwa minnu li d-dokument anness mar-rikors hija ittra ta' offerta mhux iffirmata, xorta jibqa' l-fatt li t-tnaqqis kien ingħata u li l-bejgħ kien seħħ fil-kundizzjonijiet proposti f'dan id-dokument. Minn dan jirriżulta, barra minn hekk, li l-klijent ma xtara xejn mingħand fornituri li huma kompetituri matul dan il-perijodu.

189 Fl-aħħar nett, għandu jiġi osservat li d-deċiżjoni kkontestata tistqarr li din hija offerta mhux iffirmata u li l-mira ta' xiri ma kinitx intlaħqet. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

— NKL (COOP) u Rema 1000 (2000-2001)

190 Fir-rigward ta' NKL (COOP), ir-rikorrenti jirrikonoxxu li skont ta' 10 % ġie propost lil NKL jekk ix-xiri kien jaqbeż 150 RVM. Issa, ir-rikorrenti jaffermaw li NKL ma ffirmatx din l-offerta u li l-ftehim ma kienx ġie konkluż. Ir-rikorrenti jsostnu li l-fatt li x-xiri effettiv tal-klijenti kien inqas mill-mira inizjali tal-offerta jipprova n-nuqqas ta' impenn vinkolanti.

191 Fir-rigward ta' Rema 1000, ir-rikorrenti jużaw l-istess raġunament bħal dak għall-ftehim li seħħ ma' NKL (COOP), inkwantu kien hemm ukoll offerta ta' skont max-xiri ta' 70 magni, li l-klijent kien irrifjuta. Ir-rikorrenti jikkontestaw għalhekk li kien hemm ftehim bejn il-partijiet.

192 L-argument tar-rikorrenti, li l-fatt li x-xiri effettiv ta' dawn iż-żewġ klijenti kien inqas mill-mira inizjali tal-offerta jipprova n-nuqqas ta' impenn vinkolanti, għandu jiġi miċħud.

193 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, fl-ewwel lok, li d-deċiżjoni kkontestata ma taffermax li dawn iż-żewġ klijenti [NKL (COOP) u Rema 1000] kienu kuntrattwalment obbligati jixtru kwantità partikolari ta' magni. Fil-fatt, iż-żewġ kumpanniji kienu ċċitati fil-premessa 302 tad-deċiżjoni taħt it-titolu "Impenji fuq il-kwantitajiet u kundizzjonijiet unilaterali marbuta ma' kwantitajiet partikolari". F'dawn iż-żewġ każijiet, dawn huma tnaqqis suġġetti għax-xiri ta' kwantità kbira ta' apparat fuq perijodu ta' madwar sena. Fil-każ ta' Rema 1000, is-sistema ta' tnaqqis kienet tipprevedi tnaqqis kundizzjonali dirett (10 % għal volum ta' 70 apparat) u tnaqqis retroattiv addizzjonali ta' 3 % għal 85 apparat. Il-klijent xtara 73 apparat (ara l-premessa 261 tad-deċiżjoni kkontestata).

194 Fit-tieni lok, għandu jiġi enfasizzat li d-deċiżjoni kkontestata tikkunsidra l-kundizzjonijiet kuntrattwali relattivament flessibbli li kienu ġew offerti, pereżempju, lil NKL(COOP) meta mqabbla mal-klijenti l-oħra Norveġiżi u teħodhom inkunsiderazzjoni (ara l-premesa 256 u, fir-rigward tal-effett tal-prattiki tar-rikorrenti, in-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 604). Fil-fatt, il-Kummissjoni tindika hawnhekk, ġustament, li ma kienx neċessarjarment determinanti jekk mira partikolari kinitx intlaħqet jew le, sa fejn ma kien hemm ebda xiri mwettaq mingħand il-kompetituri jew kien hemm biss ammont insinjifikattiv ta' xiri mingħandhom (ara l-premessa 312 tad-deċiżjoni kkontestata).

195 Għal dawn ir-raġunijiet, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

196 Fid-dawl tal-preċedenti, l-argument tar-rikorrenti li l-ftehim kollha li jikkonċernaw in-Norveġja kienu kkwalifikati b'mod żbaljat fid-deċiżjoni kkontestata għandu jiġi miċħud.

197 It-tieni parti tal-ewwel motiv u, għaldaqstant, l-ewwel motiv kollu għandhom għalhekk jiġu miċħuda.

B — *Fuq it-tieni u r-raba' motivi, ibbażati fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni rigward il-kwistjoni dwar jekk il-ftehim setgħux ineħħu l-kompetizzjoni u fuq nuqqas ta' motivazzjoni*

198 It-tieni u r-raba' motiv tar-rikors ġew miġbura f'dan il-motiv, li huwa fformulat fi tliet partijiet. L-ewwel nett, il-Kummissjoni żbaljat meta wettqet żball ta' dritt manifest billi ddeċidiet li l-ftehim ta' esklużività, ta' impenji individwalizzati fuq il-kwantitajiet u ta' skontijiet retroattivi individwalizzati huma *per se* illegali taħt l-Artikolu 82 KE u billi ma spjegatx it-test jew il-kriterji li hija użat sabiex tevalwa jekk dawn il-ftehim setgħux jirrestrinġu jew jeskludu l-kompetizzjoni. It-tieni nett, il-Kummissjoni ma eżaminatx jekk il-parti li setgħet inkisbet tas-suq tar-RVM kinitx daqshekk sinjifikattiva sabiex tippermetti lill-kompetituri wkoll effiċjenti li jibqgħu fis-suq. It-tielet nett, l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-kapaċità li għandhom l-iskontijiet retroattivi li jeskludu l-kompetizzjoni hija bbażata fuq provi u ipoteżi ineżatti u żbaljati.

1. Fuq l-illegalità allegata "*per se*" tal-ftehim tar-rikorrenti u fuq in-nuqqas ta' spjegazzjoni ta' test jew kriterju użati mill-Kummissjoni sabiex tevalwa jekk il-ftehim setgħux jirrestrinġu l-kompetizzjoni

a) L-argumenti tal-partijiet

199 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni wettqet żball ta' dritt manifest billi ma inkludietx fl-evalwazzjoni ġuridika tagħha l-kuntest tas-suq li fih it-tliet tipi ta' ftehim jaqgħu.

200 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni interpretat ħażin il-kriterju stabbilit fis-sentenza Michelin II. Huma jsostnu li skont is-sentenza Michelin II, id-deċiżjoni kkontestata għandha turi li l-ftehim "jistgħu" jirrestrinġu l-kompetizzjoni. Dan jeħtieġ eżami tal-kuntest tas-suq. Fil-fatt, xejn jew kważi xejn ma jkun jibqa' mill-kriterju stabbilit fis-sentenza Hoffmann-La Roche, iċċitata iktar 'il fuq, jekk, skont is-sentenza Michelin II, il-Kummissjoni kienet biss obbligata teżamina l-kontenut ta' ftehim taħt l-Artikolu 82 KE.

201 Ir-rikorrenti jżidu li l-kriterju "per se" li jinsab fid-deċiżjoni kkontestata ser iwassal għall-projbizzjoni ta' numru kbir ta' ftehim fi ħdan is-suq intern, f'setturi differenti, anki jekk jirrinforzaw il-kompetizzjoni minflok jirrestrinġuha, skont il-kuntest tas-suq. Ma hemm l-ebda bażi fit-teorija ekonomika jew fil-prattika kummerċjali għall-argument li l-ftehim ta' esklużività tal-impenji individwalizzati fuq il-kwantitajiet u l-iskontijiet individwalizzati jwasslu dejjem jew kważi dejjem għal restrizzjoni ta' kompetizzjoni meta huma użati minn kumpannija f'pożizzjoni dominanti.

202 Ir-rikorrenti jsostnu li billi ma eżaminatx ċerti fatturi, il-Kummissjoni ma evalwatx jekk il-prattiki tagħhom kinux, fid-dritt, suxxettibbli li jkollhom effett restrittiv fuq il-kompetizzjoni.

203 Il-fatturi mhux eżaminati mill-Kummissjoni huma l-fatt li r-rikorrenti kienu l-uniku manifattur ta' RVM kapaċi li joffri "teknoloġija avvanzata" ta' alimentazzjoni orizzontali bejn l-1997 u l-2001, il-fatt li l-kompetituri tar-rikorrenti setgħu dejjem joffru l-magni tagħhom għal tal-inqas 61 % mit-total tas-suq tar-RVM bejn l-1998 u l-2002, il-fatt li r-rikorrenti jbigħu l-magni tagħhom direttament lill-klijent finali (is-supermarket chains), li l-ftehim inkwistjoni ma impedixxewx l-aċċess tal-kompetituri għad-distributuri, u fl-aħħar, il-fatt li s-supermarket chains huma xerrejja professjonali, li huma kapaċi li jqabblu r-RVM tar-rikorrenti mar-RVM tal-kompetituri tagħhom u għalhekk jiddeċiedu għalihom infushom liema RVM kellha l-aħjar prezz, il-kwantità tajba, affidabbiltà u teknoloġija u l-livell tajjeb ta' servizz.

204 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq l-ipoteżi ġuridika li l-Artikolu 82 KE jeżiġi biss li l-Kummissjoni turi l-eżistenza u l-forma tal-ftehim, u li din ma fiha ebda motivazzjoni adegwata fuq il-kwistjoni dwar ir-raġuni għal xiex xi wieħed mid-49 ftehim kien kapaċi jeskludi l-kompetituri mis-suq tar-RVM.

205 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

206 Għandu jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-kunċett ta' użu abbużiv huwa kunċett oġġettiv li jolqot l-aġir ta' impriża li tkun f'pożizzjoni dominanti li jkun

tali li jinfluwenza l-istruttura tas-suq fejn, preċiżament insegwitu għall-preżenza tal-impriża inkwistjoni, il-grad ta' kompetizzjoni jkun diġà ddgħajjef u li jkollu l-effett li jostakola, permezz ta' mezzi li jkunu differenti minn dawk li normalment jeżistu meta jkun hemm kompetizzjoni normali fuq prodotti jew servizzi abbażi tal-prestazzjoni tal-operaturi ekonomiċi, iż-żamma ta' grad tal-kompetizzjoni eżistenti fis-suq jew l-iżvilupp ta' din il-kompetizzjoni. Minn dan isegwi li l-Artikolu 82 KE jipprojbixxi impriża dominanti milli telimina kompetitur u b'hekk issaħħaħ il-pożizzjoni tagħha billi tirrikorri għal mezzi li ma humiex dawk ibbażati fuq kompetizzjoni fuq il-mertu. Il-projbizzjoni mniżżla f'din id-dispożizzjoni hija wkoll iġġustifikata mit-tħassib li l-konsumaturi ma jiġux ippreġudikati (sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Ottubru 2003, Van den Bergh Foods vs Il-Kummissjoni, T-65/98, Ġabra p. II-4653, punt 157).

207 Għalkemm il-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti fiha nfisha ma timplika ebda kritika fir-rigward tal-impriża kkonċernata, din l-impriża għandha, indipendentement mill-fatturi li joħolqu tali pożizzjoni, responsabbiltà partikolari li permezz tal-aġir tagħha ma tippreġudikax kompetizzjoni effettiva u mhux distorta fis-suq komuni (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Novembru 1983, Nederlandsche Banden-Industrie-Michelin vs Il-Kummissjoni, 322/81, Ġabra p. 3461, punt 57, u s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Settembru 2007, Microsoft vs Il-Kummissjoni, T-201/04, Ġabra p. II-3601, punt 229). Bl-istess mod, għalkemm l-eżistenza ta' pożizzjoni dominanti ma ċċaħħadx impriża li tinsab f'din il-pożizzjoni mid-dritt li tippriżerva l-interessi kummerċjali tagħha stess, meta dawn huma mhedda, u għalkemm din l-impriża għandha l-possibbiltà, sa livell raġonevoli, li twettaq l-atti li hija tikkunsidra xierqa sabiex tipproteġi l-interessi tagħha, madankollu dan l-aġir ma jistax jiġi aċċettat meta dan għandu bħala għan li jsaħħaħ din il-pożizzjoni dominanti u li jabbuża minnha (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Frar 1978, United Brands u United Brands Continental vs Il-Kummissjoni, 27/76, Ġabra p.207, punt 189, u s-sentenza Michelin II, punt 55).

208 Għandu jitfakkar, barra minn hekk, li skont il-ġurisprudenza, għal impriża li ssib ruħha f'pożizzjoni dominanti fis-suq, il-fatt li torbot xerrejja — anki jekk fuq talba tagħhom — b'obbligu jew weġħda li jfornu ruħhom għall-bżonnijiet kollha jew għal

parti sostanzjali mill-bżonnijiet tagħhom esklużivament mingħand l-imsemmija impriża jikkostiwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 82 KE, kemm jekk l-obbligu inkwistjoni jkun stipulat mingħajr iktar kwalifiki, kemm jekk dan ikollu l-korrispettiv tiegħu fl-għoti ta' tnaqqis. L-istess iseħħ meta din l-impriża, mingħajr ma torbot ix-xerrejja b'obbligu formali, tapplika, jew taħt ftehim magħmula ma' dawn ix-xerrejja, jew inkella unilateralment, sistema ta' tnaqqis għal fedeltà, jiġifieri l-iskontijiet marbuta mal-kundizzjoni li l-klijent jixtri esklużivament għall-bżonnijiet kollha tiegħu jew għal parti kbira tagħhom mingħand l-impriża f'pożizzjoni dominanti (sentenza Hoffman-La Roche vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 89).

209 Fil-fatt, l-impenji ta' forniment esklużiv ta' din in-natura, bi jew mingħajr il-korrispettiv ta' tnaqqis jew l-għoti ta' tnaqqis ta' fedeltà sabiex ix-xerrej jiġi mħeġġeġ jixtri esklużivament mingħand l-impriża f'pożizzjoni dominanti, huma inkompatibbli mal-għan ta' kompetizzjoni mhux distorta fis-suq komuni peress li dawn ma humiex ibbażati fuq prestazzjoni ekonomika li tiġġustifika din l-impożizzjoni jew dan il-vantaġġ, iżda għandhom tendenza li jċaħħdu lix-xerrej, jew li jillimitaw fir-rigward tiegħu, il-possibbiltà ta' għażla f'dak li jikkonċerna s-sorsi ta' fornitura tiegħu u li jostakolaw l-aċċess tas-suq lill-produtturi l-oħra (sentenza Hoffman-La Roche vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 90).

210 Fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-għoti ta' tnaqqis minn impriża f'pożizzjoni dominanti, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li tnaqqis għal fedeltà, li jingħata bħala korrispettiv ta' impenn tal-klijent li jikseb provvisti esklużivament jew kważi esklużivament mingħand impriża f'pożizzjoni dominanti, imur kontra l-Artikolu 82 KE. Tali tnaqqis iwassal fil-fatt, sabiex, permezz tal-għoti ta' vantaġġi finanzjarji, tiġi prekluża l-provvista tal-klijenti mingħand produtturi kompetituri (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Diċembru 1975, Suiker Unie *et* vs Il-Kummissjoni, 40/73 sa 48/73, 50/73, 54/73 sa 56/73, 111/73, 113/73 u 114/73, Ġabra p. 1663, punt 518, u s-sentenza Michelin II, punt 56).

211 Sistema ta' tnaqqis li għandha bħala effett l-esklużjoni mis-suq hija kkunsidrata bħala li tmur kontra l-Artikolu 82 KE jekk hija applikata minn impriża f'pożizzjoni dominanti. Għal din ir-raġuni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tnaqqis marbut mal-ksib ta' mira ta' xiri jikser l-Artikolu 82 KE (sentenza Michelin II, punt 57).

212 Is-sistemi ta' tnaqqis għal kwantità, marbuta esklużivament mal-volum ta' xiri li sar mingħand impriża f'pożizzjoni dominanti, huma ġeneralment ikkunsidrati li ma għandhomx effett ta' esklużjoni pprojbit mill-Artikolu 82 KE. Jekk iż-żieda fil-kwantità pprovduta tissarraf f'inqas spejjeż għall-fornitur, dan fil-fatt għandu d-dritt li jagħti benefiċċju lill-klijent tiegħu b'dan it-tnaqqis permezz ta' tariffa iktar favorevoli. It-tnaqqis għal kwantità għalhekk suppost għandu jirrifletti ż-żieda ta' effiċjenza u tal-ekonomiji ta' skala mwettqa mill-impriża f'pożizzjoni dominanti (sentenza Michelin II, punt 58).

213 Minn dan isegwi li sistema ta' tnaqqis li r-rata ta' skont tagħha tiżdied skont il-volum mixtri tikser l-Artikolu 82 KE biss jekk il-kriterji u l-kundizzjonijiet għall-għoti tat-tnaqqis juru li s-sistema ma tistrieħx fuq korrispettiv ekonomikament iġġustifikat, iżda twassal, bħat-tnaqqis għal fedeltà u ta' mira, sabiex tipprekludi l-provvista tal-klijenti mingħand produtturi kompetituri (sentenzi Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 90, u Michelin II, punt 59).

214 Sabiex tiġi ddeterminata l-eventwali natura abbużiva ta' sistema ta' tnaqqis għal kwantità, għandhom għalhekk jiġu evalwati ċ-ċirkustanzi kollha, u b'mod partikolari l-kriterji u l-kundizzjonijiet għall-għoti tat-tnaqqis, u li jiġi eżaminat jekk it-tnaqqis iwassalx, permezz ta' vantaġġ li ma jistrieħ fuq ebda prestazzjoni ekonomika li tiġġustifikah, li lix-xerrej titneħħielu, l-possibbiltà ta' għażla f'dak li jikkonċerna s-sorsi ta' provvista tiegħu jew li jkun hemm restrizzjoni fir-rigward tiegħu, li jiġi miċħud l-aċċess għas-suq lill-kompetituri, u li jiġu applikati għall-imsieħba kummerċjali kundizzjonijiet mhux ugwali għal prestazzjonijiet ekwivalenti jew li tiġi msaħħa

l-pożizzjoni dominanti permezz ta' kompetizzjoni distorta (sentenza Michelin II, punt 60).

215 Minn din il-ġurisprudenza jista' jiġi dedott li, hekk kif isostnu wkoll ir-rikorrenti, sabiex jiġi vverifikat jekk il-ftehim ta' esklużività, ta' impenji individwalizzati fuq il-kwantitajiet u ta' skontijiet retroattivi individwalizzati humiex kompatibbli mal-Artikolu 82 KE, għandu jiġi analizzat jekk, wara evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha u, għaldaqstant, ukoll tal-kuntest li fih jaqgħu dawn il-ftehim, dawn il-prattiki humiex intiżi għal restrizzjoni jew esklużjoni tal-kompetizzjoni fis-suq inkwistjoni jew humiex kapaċi li jagħmlu hekk.

216 Fl-ewwel lok, għandu jiġi eżaminat, f'dan il-każ, jekk il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, ħaditx inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kuntest li fihom il-ftehim inkwistjoni jaqgħu u, fit-tieni lok, jekk hija mmotivat b'mod adegwat il-konklużjoni tagħha fir-rigward tal-fatt dwar jekk il-ftehim setgħux jiġu esklużi mill-kompetizzjoni.

217 F'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat li d-deċiżjoni kkontestata, wara li eżaminat l-istruttura tas-swieq inkwistjoni, il-pożizzjoni li kienu jokkupaw rispettivament ir-rikorrenti u l-kompetituri tagħhom u wara li kkonkludiet li dawn kellhom pożizzjoni dominanti sinjifikattiva ħafna (ara l-premessi 12 sa 96 tad-deċiżjoni kkontestata), eżaminat individwalment kull prattika tar-rikorrenti (ara l-premessi 97 sa 133 tad-deċiżjoni kkontestata). Id-deċiżjoni kkontestata, imbagħad iddedikat passaġġi twal għall-eżami tal-kapaċità ta' dawn il-prattiki li jikkawżaw distorsjoni tal-kompetizzjoni fiċ-ċirkustanzi tal-każ (ara, b'mod partikolari, il-premessi 159 sa 166, 180 sa 187, 218 sa 226, 234 sa 240, 264 sa 277 u 286 sa 329 tad-deċiżjoni kkontestata).

218 Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata, wara li ħarset lejn il-prattiki tar-rikorrenti f'kull suq nazzjonali kkonċernat flimkien mad-daqs tal-klijenti, it-terminu

tal-ftehim, l-iżvilupp tad-domanda fl-istess suq, il-perċentwali tal-parti marbuta tad-domanda, stabbilixxiet li dawn il-prattiki setgħu jimpedixxu l-ħruġ jew l-iżvilupp tal-kompetizzjoni u kkonkludiet li kien hemm abbuż peress li dawn il-prattiki kienu orjentati sabiex jeskludu parti sinjifikattiva tad-domanda. Rigward b'mod partikolari s-sistemi ta' skontijiet u ta' tnaqqis użati mir-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata turi b'rappreżentazzjonijiet grafiċi l-"effett ta' ġbid" ta' ċerti sistemi għal kull pajjiż.

219 Il-Kummissjoni, għalkemm dan ma kienx neċessarju fid-dawl tal-ġurisprudenza, analizzat ukoll, fid-dawl tal-kundizzjonijiet tas-suq, l-effetti reali tal-prattiki tar-rikorrenti.

220 Fir-rigward tal-fatturi l-oħra li, skont ir-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata kellha teżamina sabiex jintwera jekk il-prattiki tagħhom setgħux jirrestrinġu l-kompetizzjoni, hemm lok li jsiru l-kunsiderazzjonijiet segwenti.

221 L-ewwel nett, is-superjorità teknika allegata tar-rikorrenti, li kienu l-uniċi manifatturi tar-RVM li setgħu joffru "teknoloġija avvanzata" ta' alimentazzjoni orizzontali bejn l-1997 u l-2001, ma jistax jkollha effett fuq l-analiżi tal-kwistjoni dwar jekk il-ftehim setgħux jirrestrinġu l-kompetizzjoni. Dan l-element seta' eventwalment ikollu effett fuq l-analiżi tal-pożizzjoni kompetittiva tar-rikorrenti u għaldaqstant fuq il-pożizzjoni dominati tagħhom.

222 It-tieni nett, għandu jiġi kkunsidrat li l-fatt li l-magni kienu mibjugħa direttament lill-klijent finali huwa fattur li jirrinforza l-konstatazzjoni ta' abbuż minn pożizzjoni dominanti u mhux il-kuntrarju. Fl-fatt, għalkemm huwa minnu li l-ftehim inkwistjoni ma impedixxewx teoretikament l-aċċess tal-kompetituri għad-distributuri, huwa

mandankollu evidenti li d-distributuri ma kellhom ebda interess li jixtru magni, peress li l-ftehim tar-rikorrenti kien jimpedixxi lill-kompetituri tagħhom milli joffru r-RVM tagħhom lill-klijent finali.

223 It-tielet nett, fir-rigward tal-fatt li s-supermarket chains huma xerrejja professjonali li kienu kapaċi jqabblu u jagħżlu bejn ir-RVM tar-rikorrenti u dawk tal-kompetituri, hemm lok li jiġi rrilevat li l-aġir tar-rikorrenti kien manifestament maħsub sabiex jiġu stabbiliti skemi li jinċitaw lill-klijenti biex ma jixtrux mingħand fornituri oħra u sabiex iżommu din is-sitwazzjoni.

224 Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat, bħalma għamlet il-Kummissjoni, li r-rikkorrenti kellhom kull possibbiltà li jippreżentaw ġustifikazzjoni ekonomika oġġettiva mhux antikompetittiva tal-prattiki tagħhom. Huma setgħu jispjegaw liema gwadan huma kellhom l-intenzjoni jieħdu mill-ftehim ta' eklużività, impenji kwantitattivi u skemi ta' tnaqqis individwalizzati li huma kienu jipprattikaw. Madankollu, ir-rikorrenti ma jsostnux quddiem il-Qorti Ġenerali li l-aġir tagħhom kien ħoloq xi gwadan ta' effiċjenza li jista' jidher, kien iġġustifikat b'mod ieħor jew kien wassal għal tnaqqis fil-prezzijiet jew xi vantaġġ ieħor għall-konsumaturi.

225 Fid-dawl tal-preċedenti, għandu jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti li l-Kummissjoni analizzat biss il-kontenut tal-ftehim inkwistjoni u mhux il-kuntest li fihom il-ftehim jaqgħu.

226 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni ta' dan l-aspett tad-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi kkonstatat li dan l-ilment ma jistax jintlaqa'.

227 Il-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 253 KE għandha tiġi adattata għall-att inkwistjoni u għandha turi, b'mod ċar u inekwivoku, ir-raġunament tal-istituzzjoni li adottat l-att, b'mod li l-persuna interessata tkun tista' tagħraf il-ġustifikazzjonijiet tal-miżuri meħuda u tiddefendi d-drittijiet tagħha u b'mod li l-qorti tkun tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha (sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Marzu 1985, L-Olanda u Leeuwarder Papierwarenfabriek vs Il-Kummissjoni, 296/82 u 318/82, Ġabra p. 809, punt 19, u tat-19 ta' Settembru 2002, Spanja vs Il-Kummissjoni, C-114/00, Ġabra p. I-7657, punt 62). Fir-rigward ta' deċiżjoni adottata b'applikazzjoni tal-Artikolu 82 KE, dan il-prinċipju jirrikjedi li d-deċiżjoni kkontestata ssemmi l-fatti li tiddependi fuqhom il-ġustifikazzjoni legali tal-miżura u l-kunsiderazzjonijiet li wasslu sabiex tittieħed din id-deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Jannar 2007, France Télécom vs Il-Kummissjoni, T-340/03, Ġabra p. II-107, punt 57, li ma ġietx appellata fuq dan il-punt).

228 F'dan ir-rigward, hemm lok li jsir riferiment għall-kunsiderazzjonijiet li jinsabu f'punti 216 sa 218 hawn fuq, li minnhom jidher ċar li l-Kummissjoni esponiet b'mod dettaljat ir-raġunijiet li minħabba fihom hija qieset li l-ftehim inkwistjoni setgħu jirrestrinġu l-kompetizzjoni.

229 Għaldaqstant, ma jistax jiġi nnegat li r-rikorrenti setgħu jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet kollha fuq dan l-aspett tad-deċiżjoni kkontestata. Hemm lok li jiġi kkonstatat, barra minn hekk, li l-Qorti Ġenerali kienet f'pożizzjoni li teżerċita kompletament l-istħarriġ tagħha tal-legalità tad-deċiżjoni kkontestata. Minn dan jirriżulta li dan l-aspett tad-deċiżjoni kkontestata kien suffiċjentement motivat.

230 Fil-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, din il-parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.

2. Fuq il-"kopertura insuffiċjenti" tad-domanda totali tar-RVM mill-prattiki tar-rikorrenti

a) L-argumenti tal-partijiet

231 Ir-rikorrenti jsostnu li anki jekk id-deċiżjoni kkontestata wriet li l-kuntratti inkwistjoni kollha setgħu kellhom effetti ta' esklużjoni, dan jipprova biss li l-kompetituri kienu jkunu esklużi milli jissuplixxu lill-klijenti li kienu diġà kkonkludew dawn il-kuntratti (li l-eżistenza tagħhom għadha kkontestata minnhom). Il-kompetituri jkunu xorta liberi li jfittxu l-klijentela ta' impriżi oħra. Sabiex jiġi stabbilit ksur tal-Artikolu 82 KE, id-deċiżjoni kkontestata għandha turi li dawn il-ftehim ikopru porzjon tant wiesa' tas-suq li huma kienu f'pożizzjoni li jeskludu numru suffiċjenti ta' kompetituri tal-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni ma tispjegax għalfejn il-fatt li kompetituri ma setgħux ibigħu r-RVM tagħhom lill-klijenti speċifiċi jwassal għall-esklużjoni tagħhom mis-suq fl-intier tiegħu.

232 Ir-rikorrenti jsostnu li l-kwistjoni rilevanti hija dwar jekk kompetitur jistax jibqa' b'mod profittabbli fis-suq billi jaqdi l-parti li setgħet tinkiseb tad-domanda biss u li l-Kummissjoni kellha tiddetermina d-daqs ta' profittabbiltà minima rikjesta sabiex wieħed jopera fis-suq inkwistjoni. Jekk l-imsemmija domanda kienet suffiċjentement sinjifikattiva, u l-iskala tal-profittabbiltà suffiċjentement imnaqqsa, sabiex kompetitur

potenzjali jkun jista' jidħol jew jibqa' fis-suq flimkien mar-rikorrenti, il-Kummissjoni kellha tikkonkludi li l-prattiki ta' dawn tal-aħħar ma kinux abbużivi. Il-Kummissjoni, barra minn hekk, ma indikatx b'mod ċar il-parti tas-suq li jkollha tiġi koperta mill-ftehim sabiex dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jeskludu lir-rikorrenti. Id-deċiżjoni kkontestata ma tagħti l-ebda kriterju oġġettiv sabiex jiġi ddeterminat fejn jista' jinsab il-limitu.

233 Skont ir-rikorrenti, kieku l-Kummissjoni wettqet tali analiżi, ma kienx ikun possibbli ħafna għaliha li tipprova li l-kuntratti inkwistjoni setgħu jeskludu mis-suq kompetituri li kellhom l-istess effiċjenza. Huma jsostnu li kienet il-Kummissjoni li kellha turi, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-prattiki tagħhom setgħu jipproduċu tali effett ta' esklużjoni. Fin-nuqqas ta' motivazzjoni suffiċjenti fid-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti ma għandhom l-ebda obbligu li jipprovaw il-kuntrarju.

234 Ir-rikorrenti jindikaw li l-anliżi l-ġdida fid-difiża, dwar l-effett ta' esklużjoni prodotta mill-prattiki tar-rikorrenti, hija inammissibbli. Il-kwistjoni għall-Qorti Ġenerali hija jekk id-deċiżjoni kkontestata kinitx suffiċjentement motivata fuq dan il-punt. Il-konvenut ma jistax jiġi permess fil-fatt, b'mod ġenerali, li jirranġa l-iżbalji u ommissjonijiet tad-deċiżjoni kkontestata billi jippreżenta analiżi ġdida u provi addizzjonali waqt il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

235 Ir-rikorrenti jirrifjutaw bħala irrilevanti, barra minn hekk, l-affermazzjoni li ma hijiex l-impriża dominanti li għandha tiddetermina n-numru ta' kompetituri fis-suq. Swieq differenti jistgħu jkunu kompletament kompetittivi anki jekk in-numru ta' kompetituri jvarja u xi drabi anki meta jkun hemm tnejn biss. Hija, skonthom, il-Kummissjoni li kellha, fid-deċiżjoni kkontestata, tiddetermina l-livell ta' profittabbiltà għall-impriżi fis-suq rilevanti u li tiddetermina jekk id-daqs tal-porzjon ikkontestat tas-suq kienx

jippermetti numru suffiċjenti minnhom sabiex joperaw b'tali mod li l-kompetizzjoni tkun effettiva. Dan ma sarx f'dan il-każ.

236 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jsostnu li l-prattiki tagħhom ma kinux ikopru proporzjon suffiċjentement sinjifikattiv tad-domanda totali. Ir-rikorrenti jqisu li l-porzjon ikkontestat tad-domanda li seta' nkiseb kien, għal kull suq nazzjonali, tal-inqas 30 % u iktar minn 50 % fil-maġġoranza tal-każijiet, u, għall-ħames swieq meħuda flimkien, fuq medja, madwar 61 %, jiġifieri, iktar minn 2 000 magna fis-sena. Din iċ-ċifra hija ogħla mill-livell minimu ta' bejgħ neċessarju sabiex tiġi żgurata l-profittabbiltà ta' produttur ta' RVM, li r-rikorrenti jistmaw li huwa bejn 500 u 1 000 unitajiet kull sena.

237 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

238 Qabel kolllox, għandu jiġi rrilevat li, essenzjalment, il-kwistjoni li titqajjem hija dik dwar jekk il-Kummissjoni, sabiex tipprova l-esklużjoni tal-kompetituri mis-suq fl-intier tiegħu, kellhiex tiddetermina d-daqs tal-probittabbiltà minima rikjesta sabiex wieħed jopera fis-suq inkwistjoni u mbagħad tivverifika jekk il-porzjon tas-suq li seta' jinkiseb (jiġifieri l-parti tad-domanda marbuta mill-prattiki tar-rikorrenti) kienx suffiċjentement kbir sabiex ikun jista' jkollu effett ta' esklużjoni tal-kompetituri.

239 F'dan il-każ, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, sabet li, fil-pajjiżi u matul is-snin li fir-rigward tagħhom ġie kkonstatat ksur, il-parti tad-domanda magħluqa kienet "sostanzjali" jew "mhux negliġibbli" u li fuq kollox matul is-"snin kruċjali" ta' tkabbir fuq kull suq inkwistjoni, hija kienet tirrapreżenta proporzjonijiet sinjifikattivi ħafna (ara l-premessa 392 tad-deċiżjoni kkontestata). Id-deċiżjoni kkontestata ma stabilixxietx, madankollu, limitu preċiż li 'l fuq minnu l-prattiki tar-rikorrenti jkunu jistgħu jeskludu lill-kompetituri.

240 Issa, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni, ġustament, ikkunsidrat li billi għalqet parti sinjifikattiva tas-suq, bħal f'dan il-każ, l-impriża dominanti llimitat id-dħul ta' wieħed jew xi whud mill-kompetituri u, għaldaqstant, irrestriġiet il-kompetizzjoni fis-suq kollu.

241 Fil-fatt, l-għeluq ta' parti sostanzjali tas-suq minn impriża dominanti ma jistax jiġi ġġustifikat mit-turija li parti tas-suq li setgħet tinkiseb għadha suffiċjenti sabiex takkomoda numru limitat ta' kompetituri. L-ewwel nett, minn naħa, il-klijenti li jinsabu fil-parti magħluqa tas-suq għandu jkollhom l-opportunità li jipprofittaw minn kull grad ta' kompetizzjoni li hija possibbli fis-suq u l-kompetituri għandhom ikunu jistgħu jikkompetu fuq il-merti għas-suq kollu u mhux parti minnu biss. It-tieni nett, ma huwiex ir-rwol tal-impriża dominanti li tistabbilixxi kemm għandhom jikkompetu kompetituri profittabbli għal porzjon tad-domanda li kien għadu seta' jinkiseb.

242 F'dan il-każ, għandu jiġi enfasizzat li analiżi biss taċ-ċirkustanzi tal-każ, bħal dik magħmula mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, tista' tippermetti li jiġi stabbilit jekk il-prattiki ta' impriża f'pożizzjoni dominanti jistgħux jeskludu l-kompetizzjoni.

Madankollu jkun artifiċjali li jiġi stabbilit *a priori* liema huwa l-porzjon tas-suq marbut li lil hinn minnu l-prattiki ta' impriża f'pożizzjoni dominanti jista' jkollhom effett ta' esklużjoni tal-kompetituri.

243 B'mod partikolari, fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat, li l-prattiki tar-rikorrenti jagħlqu, fuq medja, propozjoni kunsiderevoli - tnejn minn ħames partijiet - tad-domanda totali matul il-perijodu u fil-pajjiżi eżaminati. Konsegwentement, anki jekk tiġi ammessa t-teżi tar-rikorrenti li l-għeluq ta' porzjon żgħir tad-domanda ma huwiex importanti, dan il-porzjon ma kien bl-ebda mod żgħir f'dan il-każ.

244 It-tieni nett, il-prattiki tar-rikorrenti ta' spiss wasslu għal proporzjon għoli ħafna ta' domanda "marbuta" matul is-"snin kruċjali" fejn id-domanda kienet l-ogħla u kienet l-iktar suxxettibbli li toħloq dħul ta' suċċess fis-suq, b'mod partikolari matul is-snin 1999 u 2000 fl-Awstrija, 2001 fil-Pajjiżi l--Baxxi u 1999 fin-Norveġja (ara, pereżempju, il-premessi 163, 219 u 237 tad-deċiżjoni kkontestata).

245 Fit-tielet lok, għandu jiġi mfakkar li l-prattiki tar-rikorrenti kienu jorbtu d-domanda tal-klijent finali u mhux tad-distributuri. Il-kompetituri ma setgħux, għalhekk, jużaw metodi ta' distribuzzjoni differenti li setgħu jimmitigaw l-effetti tal-prattiki tar-rikorrenti.

246 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.

3. Fuq il-provi u ipoteżi allegatament ineżatti u żbaljati li għalihom hija rrikorriet sabiex tevalwa l-kapaċità tal-iskontijiet retroattivi li jeskludu l-kompetizzjoni

a) L-argumenti tal-partijiet

247 Ir-rikorrenti jsostnu li t-teżi tal-Kummissjoni dwar skontijiet retroattivi hija bbażata fuq żewġ elementi: fl-ewwel lok, fuq il-fatt li l-klijenti ma humiex disposti li jixtru iktar minn numru żgħir ta' apparati mingħand fornitur ġdid u, fit-tieni lok, fuq il-fatt li t-tnaqqis retroattiv ippermetta lir-rikorrenti sabiex jipprattikaw prezzijiet negattivi jew baxxi ħafna. Huma jindikaw li fi kważi kull eżempju użat mill-Kummissjoni, il-prezzijiet qatt ma setgħu jkunu negattivi, u li f'kull każ, il-kompetituri kienu kapaċi li jdaħħlu dħul pożittiv mill-bejgħ tagħhom. Huma jindikaw ukoll li l-Kummissjoni lanqas ma eżaminat l-ispejjeż tar-rikorrenti sabiex tistabbilixxi l-livell li taħtu l-prezzijiet ikunu ta' esklużjoni jew predatorji.

248 Skont ir-rikorrenti, meta t-tnaqqis retroattiv iwassal għall-prezzijiet pożittivi, wieħed ma jistax jippreżumi li huma neċessarjament kapaċi li jipproduċu effetti ta' esklużjoni. Tali approċċ iwassal fil-fatt għal interdizzjoni *per se* ta' tnaqqis retroattiv.

249 Ir-rikorrenti jżidu li d-deċiżjoni kkontestata ma tevalwax il-prezzijiet li jirriżultaw mit-tnaqqis tagħhom ma' xi punt ta' referenza jew abbażi ta' kriterju oġġettiv li jista' jintuża. Hija tafferma biss li t-tnaqqis impona fuq il-kompetituri opportunity cost, li ma kinitx definita sew, u li l-prezzijiet riżultanti huma, għalhekk, fl-opinjoni suġġettiva tagħha, "baxxi ħafna", filwaqt li l-Kummissjoni ma ddefinixxietx din l-aħħar frażi.

Ir-rikorrenti jqisu li l-konvenuta ma tistax tibbaża ruħha fuq tali affermazzjonijiet u opinjonijiet suġġettivi sabiex tistabbilixxi jekk tnaqqis jistax jipproduċi effett ta' esklużjoni.

250 Ir-rikorrenti jsostnu, barra minn hekk, li l-konklużjoni tad-deċiżjoni kkontestata li l-iskontijiet retroattivi seta' jkollhom effetti ta' esklużjoni hija bbażata fuq dijagrammi ineżatti.

251 Fi tnejn mis-sitt każijiet iċċitati mid-deċiżjoni kkontestata (il-figuri 23 u 24 tad-deċiżjoni kkontestata, li jikkonċernaw l-Awstrija), il-Kummmissjoni bbażat ruħha fuq dijagrammi li huma ineżatti u żbaljati. It-teżi tal-Kummissjoni, li l-kompetituri kellhom jiffatturaw prezzijiet negattivi f'dawn il-każijiet, hija ineżatta fiċ-ċirkustanzi kollha.

252 F'erba' każijiet oħra (il-figuri 15 u 18, li jikkonċernaw il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja rispettivament u l-figuri 21 u 22 li jikkonċernaw il-Ġermanja), il-Kummissjoni injorat l-eżistenza ta' skontijiet disponibbli għall-klijenti għal bejgħ taħt il-limitu li l-Kummissjoni użat fl-analiżi tagħha. Ladarba l-iżball huwa kkorreġut, il-prezzijiet ma huma negattivi fl-ebda ċirkustanza fi tlieta minn erba' każijiet u huma biss marġinalment negattivi għal bejgħ ta' unità waħda f'każ ieħor.

253 Għal kuntrarju ta' dak li tafferma l-Kummissjoni, f'sitta mis-seba' każijiet, il-kompetituri setgħu jiffatturaw prezzijiet pożittivi, anki kieku biegħu kwantitajiet żgħar ħafna, jiġifieri żewġ jew tliet magni.

254 F'kull wieħed mis-seba' każijiet, il-Kummissjoni assumiet b'mod żbaljat li l-kompetituri kien ikollhom jillimitaw ruħhom li jbigħu numru żgħir ta' unitajiet ta' RVM.

255 F'kull wieħed mis-seba' każijiet, il-Kummissjoni injorat il-provi rilevanti dwar il-funzjonament tas-suq, u dan jimmina l-konklużjonijiet tagħha. Il-Kummissjoni injorat, b'mod partikolari dħul minn servizzi wara l-bejgħ u minn bejgħ segwenti ta' RVM. Fid-dawl ta' dan id-dħul, il-kompetituri setgħu jistennew li jirċievu dħul pożittiv, anki fir-rigward ta' bejgħ ta' RVM li sar bi prezz negattiv.

256 Ir-rikorrenti jippreċiżaw li anki jekk il-kompetituri kienu kostretti, li jbigħu biss numru żgħir ta' RVM (pereżempju apparat wieħed jew tnejn), il-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, ma wrietx li t-tnaqqis ipprattikat mir-rikorrenti jista' jeskludu tali kompetituri mis-suq.

257 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

258 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li dan l-ilment huwa bbażat fuq premessa żbaljata. Fil-fatt, għall-kuntrarju ta' dak li jallegaw ir-rikorrenti, il-fatt li l-iskemi ta' tnaqqis retroattiv jġiegħlu lill-kompetituri biex jiffatturaw prezzijiet negattivi lill-klijenti tar-rikorrenti li jibbenefikaw minn tnaqqis ma jistax jiġi kkunsidrat bħala waħda

mill-bażijiet fundamentali tad-deċiżjoni kkontestata sabiex turi li l-iskemi ta' tnaqqis retroattiv tar-rikorrenti jista' jkollhom effetti antikompetittivi.

259 Min-naħa l-oħra, id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq serje ta' kunsiderazzjonijiet oħra relatati mat-tnaqqis retroattiv pprattikat mir-rikorrenti sabiex tikkonkludi li dawn it-tipi ta' prattiki setgħu jeskludu lill-kompetituri bi ksur tal-Artikolu 82 KE.

260 Fl-ewwel lok, id-deċiżjoni kkontestata tikkonstata li l-inċentiv li wieħed jixtri esklużivament jew kważi esklużivament mingħand ir-rikorrenti huwa partikolarment b'saħħtu meta l-limiti, bħal dawk applikati mir-rikorrenti, huma marbuta ma' sistema li biha l-ksib, skont il-każ, ta' livell ta' bonus jew limitu iktar vantaġġuż jingħabar fuq ix-xiri kollu mwettaq mill-klijent matul il-perijodu kkonsidrat u mhux biss fuq il-volum ta' xiri li jeċċedi l-limitu inkwistjoni (ara l-premessi 132, 297 u 316 tad-deċiżjoni kkontestata).

261 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata tosserva li l-iskemi ta' tnaqqis kienu adattati għal kull klijent u l-limiti kienu stabbiliti abbażi tal-bżonnijiet stmati tal-klijent u/jew tal-volumi ta' xiri magħmula fil-passat.

262 Id-deċiżjoni kkontestata ssemmi, b'mod partikolari, il-fatt li skema ta' tnaqqis retroattiv flimkien ma' limitu jew diversi limiti li jikkorrispondu għat-totalità jew għal proporzjon għoli tal-bżonnijiet tal-klijent kien jirrapreżenta inċentiv sinjifikattiv sabiex wieħed jixtri, għat-totalità jew għal kważi totalità tal-apparat neċessarju, mingħand ir-rikorrenti u jżid artifiċjalment l-ispiża sabiex wieħed jirrikorri għand

fornitur ieħor, anki għal numru żgħir ta' unitajiet (ara l-premessi 131 sa 133, 297, 321 u 322 tad-deċiżjoni kkontestata).

263 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni tikkonstata li t-tnaqqis retroattiv japplika ta' spiss għal ċerti klijenti ikbar tar-rikorrenti bl-għan li tiġi żgurata l-fedeltà tagħhom (ara, pereżempju, il-premessi 180 u 240 tad-deċiżjoni kkontestata).

264 Fl-aħħar nett, id-deċiżjoni kkontestata tirreleva li r-rikorrenti ma wrewx li l-aġir tagħhom kien oġġettivament iġġustifikat jew li dan jipproduċi benefiċċji ta' effiċjenza sostanzjali li jiġġustifikaw l-effetti antikompetittivi prodotti fuq il-konsumaturi (ara l-premessa 391 tad-deċiżjoni kkontestata).

265 Huwa ċertament minnu li d-deċiżjoni kkontestata turi b'dijagrammi (ara l-figuri 15, 18, 21 sa 24 u 27) il-fatt li t-tnaqqis retroattiv tar-rikorrenti pproduċew effett ta' espulsjoni billi wasslu lill-kompetituri sabiex jitolbu prezzijiet baxxi ħafna u, xi drabi, negattivi għall-aħħar unitajiet qabel ma jintlaħaq l-limitu ffissat mill-iskema ta' tnaqqis (ara l-premessi 165, 186, 224, 235, 236 u 268 tad-deċiżjoni kkontestata).

266 Madankollu, il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, minn naħa, lanqas ma tafferma li l-iskemi ta' tnaqqis wasslu sistematikament għal prezzijiet negattivi u, min-naħa l-oħra, lanqas ma ssotni li tali demostrazzjoni tikkostitwixxi kundizzjoni minn qabel sabiex jiġi kkonstatat li dawn l-iskemi ta' tnaqqis huma abbużivi. Barra minn hekk, deċiżjoni kkontestata ma fiha ebda rappreżentazzjoni grafika għal kull waħda mill-iskemi ta' skontijiet u ta' tnaqqis użati mir-rikorrenti. Hija fiha biss dijagramma jew tnejn għal kull pajjiż li juru l-effett ta' espulsjoni tal-iskemi ta' tnaqqis tar-rikorrenti.

267 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-mekkaniżmu ta' esklużjoni rrappreżentat mit-tnaqqis retroattiv ma jeħtieġx li l-impriża dominanti tissagrifika profitti, peress li l-ispiża tat-tnaqqis hija mqassma fuq numru kbir ta' unitajiet. Permezz tal-għoti retroattiv ta' tnaqqis, il-prezz medju miksub mill-impriża dominanti jista' tassew ikun sew superjuri għall-ispejjeż u jġib miegħu marġni ta' profitt medju għoli. Madankollu, is-sistema ta' tnaqqis retroattiv jiżgura li, għall-klijent, il-prezz effettiv għall-aħħar unitajiet ikun baxx ħafna minħabba l-"effett ta' ġbid".

268 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, għandu jiġi rrilevat li l-fatt li ċerti dijagrammi fihom żbalji ma jistax, waħdu, jikkomprometti l-konklużjonijiet dwar in-natura antikompetittiva tal-iskemi ta' tnaqqis ipprattikati mir-rikorrenti. Dan l-ilment tar-rikorrenti huwa għaldaqstant ineffettiv.

269 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-kompetituri ma kinux limitati għall-bejgħ ta' numru żgħir ta' unitajiet lil kull klijent, għandu jiġi kkonstatat li huwa inerenti ma' pożizzjoni dominanti qawwija, bħal dik li għandhom ir-rikorrenti, li, għall-biċċa l-kbira tad-domanda, ma hemmx sostitut adegwat għall-prodott ipprovdut mill-impriża dominanti. Il-fornitur f'pożizzjoni dominanti huwa għalhekk, fil-biċċa l-kbira, soċju kummerċjali li ma jistax jiġi evitat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Hoffmann-La Roche vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41). Minn dan isegwi li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, id-deċiżjoni kkontestata indikat, ġustament, li l-klijenti kienu jirrikorru għal provvisti oħra biss għal porzjon limitat tax-xiri tagħhom.

270 Għal dawn l-istess raġunijiet, huwa diffiċli li jiġi aċċettat l-argument tar-rikorrenti li kompetitur jista' jikkumpensa l-prezzijiet l-iktar baxxi li huwa sforzat li jitlob mingħand klijent għall-unitajiet taħt il-limitu billi jbigħ unitajiet addizzjonali lill-istess klijent ('il fuq mil-limitu). Fil-fatt, id-domanda li tibqa' ta' dan il-klijent hija, fl-aħjar ipoteżi, limitata, b'mod li l-prezz medju tal-kompetitur jibqa' strutturalment inqas attraenti.

271 Dan jgħodd ukoll għall-affermazzjoni li l-kompetituri setgħu jikkumpensaw it-telf inizjali jew profittabbiltà dgħajfa inizjali imposti mill-prattiki tar-rikorrenti permezz ta' dħul ta' wara l-bejgħ (manutenzjoni u tiswija). Fil-fatt, il-bażi kbira installata tar-rikorrenti tagħtihom vantaġġ evidenti wkoll għat-tiswija u l-manutenzjoni tal-apparati tagħhom, b'mod li ma jirriżultax b'mod ċar mill-argument tar-rikorrenti kif il-marġni strutturalment dgħajfa tal-kompetituri fis-suq primarju jistgħu jiġu kkumpensati mill-profitti fis-suq tas-servizzi ta' wara l-bejgħ.

272 Fid-dawl tal-preċedenti, it-tielet parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda, u għaldaqstant, it-tieni motiv kollu kemm hu.

C — *Fuq it-tielet motiv ibbażat fuq żbalji manifesti fl-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk il-ftehim kinux fil-fatt jeliminaw il-kompetizzjoni*

1. L-argumenti tal-partijiet

273 Ir-rikorrenti jikkunsidraw li l-analiżi tal-effetti reali hija parti integrali tal-konklużjonijiet tad-deċiżjoni kkontestata dwar l-esklużjoni. Il-passaġġi tad-deċiżjoni kkontestata dwar l-"impatt" għal kull wieħed mill-ħames pajjiżi jikkonfermaw dan il-fatt.

274 Skont ir-rikorrenti, il-provi tal-Kummissjoni huma kontradittorji, spekulattivi u irrilevanti b'mod li huma ma jippermettux li jiġi konkluż li l-ftehim realment eliminaw il-kompetizzjoni.

275 L-ewwel nett, ir-rikorrenti jsostnu li, fil-biċċa l-kbira tal-ħames swieq nazzjonali analizzati, is-sehem tagħhom mis-suq kien qed jonqos matul il-perijodu li fih il-Kummissjoni tirreleva li dawn kienu qed jirrikorru għal prattiki antikompetittivi.

276 Ir-rikorrenti jikkunsidraw li l-graff ippreżentata mill-Kummissjoni tikkonferma l-allegazzjonijiet tagħhom fir-rigward tas-sehem tagħhom mis-suq, jiġifieri li dan kien qed jonqos fi tlieta mill-ħames pajjiżi kkonċernati, u dan ma jistax jitqies bħala prova ta' effett antikompetittiv.

277 It-tieni nett, ir-rikorrenti jikkontestaw it-teżi tal-Kummissjoni, li l-pożizzjoni tal-kompetituri tagħhom f'kull wieħed mill-ħames pajjiżi baqgħet dgħajfa matul il-perijodu analizzat. Huma jqisu li l-kompetituri tagħhom kisbu sehem mis-suq fi tliet pajjiżi, li s-sehem tagħhom mis-suq kien baqa' kważi l-istess fil-Ġermanja, u li kellhom tnaqqis tas-sehem mis-suq biss fl-Isvezja.

278 It-tielet nett, ir-rikorrenti jikkontestaw l-eżistenza ta' konnessjoni manifesta bejn id-daqs tas-suq marbut, f'kull wieħed mill-ħames swieq nazzjonali, mill-1998 sa l-2002. L-eżami tal-ħames swieq nazzjonali fit-totalità tagħhom ma rriżultax fi provi li jippermettu li jiġi ssuġġerit li sehem mis-suq marbut għoli jwassal għal żieda tas-sehem mis-suq tar-rikorrenti. Pereżempju, fil-Pajjiżi l-Baxxi u fin-Norveġja, fejn is-sehem mis-suq marbuta mal-prattiki tar-rikorrenti kien l-ogħla, dan naqas, filwaqt li fil-Ġermanja u fl-Isvezja, fejn is-sehem mis-suq kien iżgħar, is-sehem

mis-suq tar-rikorrenti żdied jew baqa' stabbli. Huwa biss fl-Awstrija li s-sehem mis-suq tagħhom naqas b'mod iktar rapidu milli fil-Pajjiżi l-Baxxi u n-Norveġja.

279 Ir-rikorrenti jallegaw, barra minn hekk, li ma hemmx konnessjoni statistikament sinjifikattiva bejn is-sehem mis-suq li ma jistax jiġi miksub u s-sehem mis-suq tagħhom għall-ħames pajjiżi eżaminati waqt il-perijodu analizzat.

280 Ir-rikorrenti josservaw li l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq l-interpretazzjoni suġġettiva tagħha tal-provi billi tiċħad kull kriterju oġġettiv. Skonthom il-Kummissjoni ssostni li l-varjabbli huma "konnessi" iżda tiċħad kull tentattiv li tissottometti l-affermazzjoni tagħha għal test oġġettiv u statistikament solidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tat ebda prova insostenn tal-allegazzjoni tagħha li l-analiżi tal-istatistika tar-rikorrenti setgħet ġiet manipulata.

281 Ir-raba' nett, ir-rikorrenti jikkontestaw it-teżi tal-Kummissjoni li l-prezzijiet tagħhom ma naqsux u jsostnu li l-Kummissjoni kellha teżamina l-prezzijiet netti effettivi wara t-tnaqqis, u mhux il-prezz tal-katalogu.

282 Ir-rikorrenti jenfasizzaw il-fatt li analiżi korretta tal-informazzjoni, hekk kif magħmula fir-rikors, turi li l-prezz naqas fi tlieta mill-ħames pajjiżi.

283 Il-ħames nett, ir-rikorrenti jallegaw li l-ħruġ ta' tliet kompetituri ma jipprovax l-eżistenza ta' effetti antikompetittivi. Minn naħa, Prokent falliet meta l-prattiki allegatament antikompetittivi tar-rikorrenti waqfu. Min-naħa l-oħra, l-akkwist mir-rikorrenti ta' Jalton u ta' Eleiko jikkontradixxi t-teorija negattiva tal-Kummissjoni, peress li kieku kien vera li r-rikorrenti kellhom il-kapaċità li jikkontrollaw u jeskludu

l-kompetituri tagħhom, huma ma kienx ikollhom bżonn jixtru dawn iż-żewġ kumpanniji sabiex dawn jiġu esklużi mis-suq.

284 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jsostnu li anki jekk ċerti fatti invokati mill-Kummissjoni kienu eżatti, huma ma jipprovawx neċessarjament l-effett antikompetittiv tal-prezzijiet kummerċjali tagħhom. Fl-ewwel lok, is-sehem mis-suq tal-operatur storiku u tal-pożizzjoni fis-suq tal-kompetituri tiegħu jistgħu jibqgħu stabbli fiż-żmien għal raġunijiet perfettament leġittimi; fit-tieni lok, il-Kummissjoni tikkontradixxi ruħha fir-rigward tal-prezzijiet tar-rikorrenti u l-evalwazzjoni tagħhom fiż-żmien billi tikkwalifika l-politika tagħhom tal-iffissar tal-prezzijiet bħala predatorji u fl-istess ħin takkużahom li qed iżommu l-prezzijiet għoljin; u t-tielet nett, il-ħruġ mis-suq ta' kompetitur jew diversi kompetituri ma jipprovax effett antikompetittiv iżda jista' sempliċiment ikun ir-riżultat tal-proċess kompetittiv normali.

285 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

286 Għandu jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita sew, sa fejn ċerti motivi ta' deċiżjoni huma, fihom infushom, tali li jiġġustifikaw id-deċiżjoni, b'mod suffiċjenti skont il-liġi, id-difetti li bihom jistgħu jkunu vvizzjati motivi oħrajn tal-att huma, f'kull każ, mingħajr effett fuq id-dispożittiv tiegħu (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Lulju 2001, Il-Kummissjoni u Franza vs TFI, C-302/99 P u C-308/99 P, Ġabra p. I-5603, punti 26 sa 29).

287 Issa, id-deċiżjoni kkontestata, fil-premessi 285 u 332, tindika b'mod ċar li, għalkemm, skont il-ġurisprudenza, sabiex jiġi stabbilit ksur tal-Artikolu 82 KE, huwa biżżejjed li jiġi prrovat li l-prattiki tar-rikorrenti kienu orjentati sabiex jirrestriġu l-kompetizzjoni jew li l-aġir tagħhom kien ta' natura jew seta' jkollu tali effett, hija wettqet l-analiżi tagħha f'dan il-każ b'eżami tal-effett probabbli tal-prattiki tar-rikorrenti fis-suq tar-RVM.

288 Huwa għalhekk ċar, li l-Kummissjoni ma pprovatx tibbaża l-konstatazzjoni tagħha ta' ksur tal-Artikolu 82 KE fuq dan l-eżami tal-effetti reali tal-prattiki tar-rikorrenti fuq kull suq nazzjonali eżaminat iżda hija sempliċement ikkompletat il-konstazzjoni tagħha ta' ksur minn eżami qasir tal-effetti probabbli ta' dawn il-prattiki.

289 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li, fil-fatt għall-finijiet tal-konstatazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 82 KE, ma huwiex neċessarju li jiġi stabbilit li l-abbuż ikkunsidrat kellu effett konkret fis-swieq ikkonċernati. Huwa biżżejjed, f'dan ir-rigward, li jintwera li l-aġir abbużiv tal-impriża f'pożizzjoni dominanti għandu tendenza li jirrestriġi l-kompetizzjoni jew, fi kliem ieħor, li l-aġir kapaċi jkollu tali effett (sentenza Michelin II, punt 239 u British Airways vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 293).

290 Fid-dawl tal-preċedenti, it-tielet motiv għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv mingħajr ma huwa neċessarju li jiġi eżaminat jekk il-provi mressqa mill-Kummissjoni humiex suffiċjenti bħala bażi sabiex jiġi konkluż li l-ftehim realment neħħew il-kompetizzjoni. Fil-fatt, anki jekk il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni, kif jallegaw ir-rikorrenti, billi kkunsidrat li l-imsemmija ftehim realment jeliminaw il-kompetizzjoni, il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata ma kinitx affettwata.

D — *Fuq il-ħames motiv ibbażat fuq l-iżball manifest imwettaq mill-Kummissjoni billi qieset li l-impenji mhux vinkolanti fuq il-kwantitajiet setgħu jiksru l-Artikolu 82 KE*

1. L-argumenti tal-partijiet

291 Ir-rikorrenti, billi rreferew għall-ewwel motiv tar-rikors, jaffermaw li l-biċċa l-kbira tat-18-il ftehim, innumerati fil-premessa 302 tad-deċiżjoni kkontestata, li kienu jipprevedu impenji fuq il-kwantitajiet ma kinux vinkolanti. Skont ir-rikorrenti, bħall-ftehim ta' esklużività mhux vinkolanti, impenn fuq il-kwantitajiet individwalizzati mhux vinkolanti, anki jekk dan jirrappreżenta t-totalità jew kważi t-totalità tal-bżonnijiet tal-klijent, ma jistax jeskludi l-kompetizzjoni. Jekk klijent ma huwiex ġuridikament obbligat jirrispetta impenn li jixtri kwantità speċifika mingħand fornitur, huwa liberu li jaċċetta l-aħjar offerti ta' fornituri li huma kompetituri f'kull mument. Impenn individwalizzat fuq il-kwantitajiet, li ma huwiex vinkolanti, huwa biss stima.

292 Ir-rikorrenti jsostnu li ma hemmx bażi ġuridika fid-dritt Kommunitarju li jippermetti l-projbizzjoni ta' klijent milli jagħti lill-fornituri tiegħu stima tat-totalità jew kważi t-totalità tal-bżonnijiet tiegħu matul perijodu speċifiku, anki jekk wieħed mill-fornituri huwa f'pożizzjoni dominanti. Jekk dan huwa l-każ, dawn it-18-il ftehim ma jistgħux jipproduċu effetti antikompetittivi u ma jistgħux, għaldaqstant, jiġu invokati fid-deċiżjoni kkontestata. It-twarrib ta' 18 mid-49 ftehim li fuqhom id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata timmina l-fondatezza ta' din tal-aħħar b'mod deċiżiv u għandu jwassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha.

293 Ir-rikorrenti jżidu li, għall-kuntrarju ta' dak li qed jingħad fid-difiża, numru kbir ta' ftehim ma rabtux il-prezz mal-volum mixtri, iżda pprattikaw prezz unitarju għal kull apparat ordnat (Lidl, Coop, eċċ.).

294 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

295 Għandu jiġi osservat li, hekk kif ġie mfakkar fil-punti 208 u 209 iktar 'il fuq, skont ġurisprudenza stabbilita sew, il-fatt, għal impriża li ssib ruħha f'pożizzjoni dominanti fis-suq, li torbot — anki jekk fuq it-talba tagħhom — xerrejja permezz ta' obbligu jew ta' wegħda li jiksbu provvisti għall-bżonnijiet kollha jew parti kunsiderevoli tal-bżonnijiet kollha tagħhom esklużivament mingħand l-imsemmija impriża jikkostiwixxi abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 82 KE, kemm jekk l-obbligu inkwistjoni jkun stipulat mingħajr iktar kwalifiki, kemm jekk dan ikollu l-korrispettiv tiegħu fl-għoti ta' tnaqqis. L-istess iseħħ meta din l-impriża, mingħajr ma torbot lix-xerrejja permezz ta' obbligu formali, tapplika, kemm taħt ftehim magħmula ma' dawn ix-xerrejja, u kemm unilateralment, sistema ta' tnaqqis għal fedeltà , jiġifieri l-iskontijiet marbuta mal-kundizzjoni li l-klijent jixtri esklużivament għall-bżonnijiet kollha tiegħu jew parti kbira tagħhom mingħand l-impriża f'pożizzjoni dominanti (sentenza Hoffman-La Roche vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 89).

296 Fil-fatt, l-impenji ta' fornitura esklużiva ta' din in-natura, bi jew mingħajr il-korrispettiv ta' tnaqqis jew l-għoti ta' tnaqqis għal fedeltà sabiex ix-xerrej jiġi inċitat jixtri esklużivament mingħand l-impriża f'pożizzjoni dominanti, huma inkompatibbli

mal-għan ta' kompetizzjoni mhux distorta fis-suq komuni peress li dawn ma humiex ibbażati fuq prestazzjoni ekonomika li tiġġustifika din l-impożizzjoni jew dan il-vantaġġ, iżda għandhom tendenza li jċaħħdu lix-xerrej, jew li jirrestriġu fir-rigward tiegħu, il-possibbiltà ta' għażla f'dak li jikkonċerna s-sorsi ta' fornitura tiegħu u li jostakolaw l-aċċess għas-suq lill-produtturi l-oħra (sentenza Hoffman-La Roche vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 90).

297 Issa, f'dan il-każ, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu r-rikorrenti, il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, ġustament, eżaminat l-impenji fuq il-kwantitajiet individwalizzati mhux biss b'mod purament formali mill-aspett legali, iżda wkoll billi ħadet inkunsiderazzjoni l-kuntest ekonomiku li fih il-ftehim inkwistjoni jaqgħu. Hija fuq din il-bażi li l-Kummissjoni kkonkludiet, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-ftehim inkwistjoni jistgħu jeskludu lill-kompetituri.

298 Fil-fatt, l-impenji fuq il-kwantitajiet individwalizzati, bħal dawk li tirreferi għalihom id-deċiżjoni kkontestata fil-premessa 302, li jorbtu *de facto* u/jew jinċitaw lix-xerrej sabiex jixtri esklużivament jew għal parti kunsiderevoli mill-bżonnijiet tiegħu mingħand l-impriża f'pożizzjoni dominanti, ma humiex ibbażati fuq prestazzjoni ekonomika li tiġġustifika din l-impożizzjoni jew dan il-vantaġġ, iżda għandhom tendenza li jċaħħdu lix-xerrej, jew li jirrestriġu fir-rigward tiegħu, il-possibbiltà ta' għażla f'dak li jikkonċerna s-sorsi ta' provvista tiegħu u li jostakolaw l-aċċess għas-suq lill-produtturi l-oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Van den Bergh Foods vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punti 84 u 160).

299 Anki jekk diversi eżempji jikkonfermaw li, għal dak li jikkonċerna l-impenji fuq il-kwantitajiet u ta' tnaqqis, ir-rikorrenti ppermettew ċerta flessibbiltà fir-rigward tal-osservanza stretta tal-iskadenzi u tal-miri, din il-flessibbiltà, applikata anki għal

ċerti ftehim li r-rikorrenti jammettu li kienu "vinkolanti" ma tnaqqas xejn mill-esklużjoni kkawżata minn dawn il-prattiki. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni tafferma, ġustament, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-volum eżatt tax-xiri kien inqas importanti għar-rikorrenti mill-fedeltà tal-klijent. Fil-fatt, din il-flessibbiltà kkontribwixxiet sabiex iżżomm l-inċentiv li jinxtraw ir-RVM tar-rikorrenti, anki għall-klijenti li ma jilħqux il-limiti rikjesti (ara l-premessa 312 tad-deċiżjoni kkontestata).

300 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-biċċa l-kbira tal-impenji fuq il-kwantitajiet li r-rikorrenti kkwalifikaw bħala mhux vinkolanti huma l-ftehim li fihom huma ssuġġettaw il-prezz u l-kundizzjonijiet kummerċjali għax-xiri ta' ċertu volum mill-klijent. Dawn il-ftehim kien fihom ġeneralment tnaqqis espressament issuġġettat għall-ksib tal-mira. Il-klijent ma kienx ġuridikament obbligat li jilħaq il-mira iżda kellu jilħaqha sabiex jikseb jew iżomm it-tnaqqis. Tali ftehim huma preżenti f'dan il-każ, pereżempju ta' dawk konklużi ma' Axfood (2001), COOP (2000), NorgesGruppen jew Hakon Gruppen. Dawn il-ftehim jixbħu l-kunċett ta' tnaqqis retroattiv. Ir-riskju li jintilef it-tnaqqis retroattivament jinċita sew lill-klijent sabiex jilħaq il-mira. Il-fatt li r-rikorrenti jkunu jistgħu finalment ma jitolbux ir-rimbors tat-tnaqqis, jew in-nuqqas ta' aċċettazzjoni pprovata ta' offerta tar-rikorrenti mill-klijent, huma irrilevanti. Huma l-aspettattivi tal-klijent fiż-żmien li fih huwa għadda l-ordnijiet skont il-kundizzjonijiet tal-offerta riċevuta li huma importanti.

301 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li l-motiv ibbażat fuq l-iżball manifest li wettqet il-Kummissjoni billi qieset li l-impenji mhux vinkolanti fuq il-kwantitajiet jistgħu jiksru l-Artikolu 82 KE għandu jiġi miċħud.

II — *Fuq it-talbiet intiżi għall-annullament jew għat-tnaqqis tal-multa*

A — *L-argumenti tal-partijiet*

302 Ir-rikorrenti jikkunsidraw, fil-kuntest tas-sitt motiv tagħhom li l-Kummissjoni kisret il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' nondiskriminazzjoni, billi ffissat il-multa għal 8 % tad-dħul mill-bejgħ dinji tal-grupp Tomra.

303 Bħala risposta għall-affermazzjonijiet tal-Kummissjoni esposti fid-difiża, ir-rikorrenti jirrispondu bl-affermazzjoni li l-multa ta' EUR 24 miljun imposta mill-Kummissjoni tirrappreżenta 7.97 % tad-dħul mill-bejgħ dinji tal-grupp fl-2005.

304 L-ewwel nett, ir-rikorrenti jikkunsidraw li għalkemm il-Kummissjoni hija libera li tgħolli l-livell tal-multa, sabiex tirrinforza l-effett disważiv, il-Kummissjoni għandha, madankollu, tosserva r-rekwiżiti ta' proporzjonalità, li skonthom il-multi li qed jippenalizzaw il-ksur ikkwalifikat bħala "serju ħafna" għandhom jippreżentaw effett iktar disważiv minn dawk li qed jippenalizzaw il-ksur ikkwalifikat bħala "serju". Din il-loġika hija rrikonoxxuta mill-linji gwida fuq il-kalkolu tal-multi, li jipprevedu li l-ksur serju għandu jiġi ppenalizzat b'multa ta' bażi li tibda minn EUR 1 miljun sa EUR 20 miljun u l-ksur serju ħafna, b'multa ta' bażi superjuri ta' EUR 20 miljun.

305 Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni segwiet din il-loġika meta hija imponiet multa lil Microsoft għal ksur serju gravi ħafna. Madankollu, huma jsostnu li meta jitqabblu ż-żewġ każijiet, il-multa ta' Microsoft kienet tirrappreżenta 1.5 % tad-dħul mill-bejgħ dinji tagħha, għalkemm il-ksur kien ġie kkunsidrat serju ħafna. Ir-rikorrenti jiddikjaraw li huma tal-opinjoni li dan iwassal għall-konklużjoni illoġika li huwa iktar importanti għall-Kummissjoni li toħloq effett disważiv fir-rigward tar-rikorrenti, jiġifieri grupp ta' kumpanniji li għandhom dħul mill-bejgħ ta' inqas minn EUR 300 miljun, u dan għall-ksur serju, milli kien li tiddiswadi lil Microsoft, waħda mill-ikbar ħames impriżi fid-dinja, bi dħul mill-bejgħ, fl-2003, ta' iktar minn EUR 30 biljun, u dan għal ksur serju ħafna. Bl-istess mod, il-Kummissjoni imponiet multa lil AstraZeneca għal żewġt iksur serji, li, wara li ħadet inkunsiderazzjoni n-neċessità li timponi multa li għandha effett disważiv proporzjonali għall-profitti rilevanti, għollietha biss għal madwar 3 % tad-dħul mill-bejgħ dinji tagħha.

306 Ir-rikorrenti jindikaw li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li kull bidla sinjifikattiva ta' approċċ mill-Kummissjoni teżiġi spjegazzjoni dettaljata. Mandankollu, il-Kummissjoni ma ppreċiżatx, fid-deċiżjoni kkontestata, għal liema raġuni l-grupp Tomra, impriża li lanqas hija kklassifikata fost l-ikbar 50 impriżi fin-Norveġja, ingħatat multa li tikkorrispondi għall-"perċentwali l-iktar għolja tad-dħul mill-bejgħ dinji ta' kumpannija li fuqha multa hija imposta għall-ksur ta' regoli ta' kompetizzjoni".

307 Ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li d-deċiżjoni kkontestata ma fiha ebda spjegazzjoni dettaljata sabiex issostni din il-bidla sinjifikattiva tal-approċċ tal-Kummissjoni fil-qasam tal-multi.

308 It-tieni nett, ir-rikorrenti jikkunsidraw li l-livell tal-multa huwa sporporzjonat, fid-dawl tal-ammont limitat tad-dħul mill-bejgħ li huma kisbu fis-swieq ġeografiċi

inkwistjoni. Ir-rikorrenti jqisu li inqas minn 25 % tad-dħul mill-bejgħ tagħhom huwa ġġenerat fil-Ġermanja, fil-Pajjiżi l-Baxxi, fl-Awstrija, fl-Isvezja u fin-Norveġja, u inqas minn 34 % fi ħdan iż-ŻEE fl-intier tagħha. Skont ir-rikorrenti, il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li l-prinċipju ta' proporzonalità jista' jinkiser jekk il-Kummissjoni tinjora r-rabta bejn id-dħul mill-bejgħ dinji u d-dħul mill-bejgħ "li jirrappreżenta l-prodotti li fir-rigward tagħhom seħħ il-ksur". Il-Kummissjoni ma setgħetx biss, għalhekk, tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-ksur ma kienx kontinwat matul il-perijodu fis-swieq nazzjonali kollha.

309 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

B — *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali*

310 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, inkwantu l-Kummissjoni ffissat il-multa għal 8 %, għandu, qabel kollox, jiġi mfakkar li fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa, il-Kummissjoni ma tistax tinjora l-prinċipju ta' trattament ugwali, prinċipju ġenerali ta' dritt Komunitarju li, skont ġurisprudenza stabbilita, jinkiser biss meta sitwazzjonijiet paragunabbli jiġu ttrattati b'mod differenti jew meta sitwazzjonijiet differenti jiġu ttrattati bl-istess mod, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Lulju 2003, Cheil Jedang vs Il-Kummissjoni, T-220/00 , Ġabra p. II-2473, punt 104).

311 Mandankollu, għandu jiġi enfassizat, f'dan ir-rigward, li l-prassi ta' deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni ma sservix fiha nnifisha bħala kuntest ġuridiku għall-multi fil-qasam tal-kompetizzjoni. Il-fatt li l-Kummissjoni applikat, fil-passat,

multi ta' ċertu livell għal ċertu tip ta' ksur ma jistax iċaħħad lill-Kummissjoni millpossibbiltà li tgħolli l-livell sakemm tibqa' fil-limiti indikati mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [81 KE] u [82 KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), jekk dan ikun meħtieġ biex jiġi żgurat it-twettiq tal-politika Komunitarja fuq il-kompetizzjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, 100/80 sa 103/80, Ġabra p. 1825, punt 109).

312 Għandu jingħad ukoll li l-gravità tal-ksur għandha tiġi stabbilita skont diversi elementi bħalma huma, b'mod partikolari, iċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, il-kuntest tagħha u l-effett disważiv tal-multi, mingħajr ma tiġi stabbilita lista restrittiva jew eżawrjenti ta' kriterji li għandhom bilfors jiġu kkunsidrati (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Lulju 1997, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni, C-219/95 P, Ġabra p. I-4411, punt 33). Issa, l-informazzjoni rilevanti, bħas-swieq, il-prodotti, il-pajjiżi, l-impriżi u l-perijodi kkonċernati jvarjaw skont il-każ. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma tistax tkun obbligata timponi multi li jirrappreżentaw l-istess proporzjon tad-dħul mill-bejgħ fil-każijiet kollha li huma simili fuq il-livell ta' gravità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Jannar 2004, JCB Service vs Il-Kummissjoni, T-67/01, Ġabra p. II-49, punti 187 sa 189).

313 Peress li l-multi jikkostitwixxu strument tal-politika tal-kompetizzjoni tal-Kummissjoni, din għandu jkollha marġni ta' diskrezzjoni fl-iffissar tal-ammonti tagħhom sabiex torjenta l-aġir tal-impriżi fid-direzzjoni tal-osservanza tar-regoli ta' kompetizzjoni (sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Diċembru 1996, Van Megen Sports vs Il-Kummissjoni, T-49/95, Ġabra p. II-1799, punt 53).

314 F'dan il-każ, għandu mill-ewwel jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq tqabbil bejn il-multa imposta fuq ir-rikorrenti u dawk imposti mill-Kummissjonijiet f'deċiżjonijiet oħra, peress li, kif ġie mfakkar, il-prassi deċiżjonali tal-Kummisjoni ma

tistax fiha nfisha isservi bħala qafas legali tal-multi fil-qasam tal-kompetizzjoni. Il-Kummissjoni ma tistax, fil-fatt, tkun obbligata tiffissa multi b'koerenza perfetta ma' dawk iffissati f'każijiet oħra.

315 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li d-deċiżjoni kkontestata għamlet bidla ta' politika li kellha tiġi spjegata b'mod speċifiku, dan l-argument ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, il-Kummissjoni, billi ffissat l-multa kkontestata, ikkonformat ruħha mal-obbligi taħt ir-Regolament Nru 1/2003 u l-linji gwida proprji tagħha dwar il-kalkolu tal-multi, ċirkustanzi li, barra minn hekk, ma ġewx ikkontestati mir-rikorrenti. Il-livell tal-multa ffissata mill-Kummissjoni ma jikkostitwixxix għaldaqstant bidla tal-politika tagħha fil-qasam tal-multi, iżda, għall-kuntrarju, applikazzjoni klassika ta' din il-politika.

316 Fir-rigward tan-natura allegatament sproporzjonata tal-multa minħabba l-ammont limitat tad-dħul mill-bejgħ rispettiv tar-rikorrenti fis-swieq ġeografiċi kkonċernati, għandu jiġi mfakkar li, bla ħsara għall-ħarsien tal-limitu superjuri li jipprevedi l-Artikolu 23(2) u li jirreferi għad-dħul mill-bejgħ globali (ara, b'analoġija, is-sentenza Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 119), huwa possibbli għall-Kummissjoni li tikkunsidra d-dħul mill-bejgħ tal-impriża inkwistjoni sabiex tevalwa l-gravità tal-ksur matul id-determinazzjoni tal-ammont tal-multa, iżda madankollu ma għandhiex tingħata importanza sproporzjonata lil din iċ-ċifra meta mqabbla ma' elementi oħrajn li għandhom jiġu evalwati (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabra p. I-5425, punt 257).

317 F'dan il-każ, il-Kummissjoni applikat il-metodu ta' kalkolu ddefinit fil-linji gwida, li jipprevedi t-teħid inkunsiderazzjoni ta' numru kbir ta' elementi waqt l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur sabiex tiffissa l-ammont tal-multa, li fosthom hemm b'mod partikolari n-natura proprja tal-ksur, l-impatt konkret tiegħu meta jista' jitkejjel,

il-portata ġeografika tas-suq affettwat u l-portata diswaživa neċessarja tal-multa. Għalkemm il-linji gwida ma jipprevedux li l-ammont tal-multi jiġi kkalkulat fuq il-bażi tad-dħul mill-bejgħ globali jew tad-dħul mill-bejgħ rilevanti, dawn ma jipprekludux li l-imsemmija ċifri tad-dħul mill-bejgħ jiġu kkunsidrati għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa sabiex jiġu osservati l-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju u meta ċ-ċirkustanzi jeżiġu dan (sentenza Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punti 258 u 260).

318 Minn dan jirriżulta li, għalkemm ma jistax jiġi nnegat, li d-dħul mill-bejgħ relatat mal-prodotti inkwistjoni jista' jikkostitwixxi bażi xierqa sabiex jiġu evalwati l-preġudizzji lill-kompetizzjoni fis-suq tal-imsemmija prodotti fi ħdan iż-ŻEE, xorta jibqa' l-fatt li dan l-element ma jikkostitwixxix l-uniku kriterju li bih il-Kummissjoni għandha tevalwa, u effettivament evalwat f'dan il-każ, il-gravità tal-ksur.

319 Konsegwentement, għall-kuntrarju ta' dak li qed isostnu ir-rikorrenti, meta tirrestrinġi l-evalwazzjoni tan-natura proporzjonata tal-ammont tal-multa stabbilita mill-Kummissjoni għall-korrelazzjoni bejn dak l-ammont u d-dħul mill-bejgħ marbut mal-prodotti inkwistjoni, tkun qed tagħti importanza eċċessiva lil dan tal-aħħar. In-natura proprja tal-ksur, l-impatt konkret tiegħu meta jista' jitkejjel, il-portata ġeografika tas-suq affettwat u l-portata diswaživa neċessarja tal-multa huma elementi oħra, f'dan il-każ meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, li jistgħu jiġġustifikaw l-ammont tal-multa.

320 F'kull każ, hekk kif il-Kummissjoni tirrileva ġustament, għandu jiġi kkonstatat li d-dħul mill-bejgħ li nkiseb fis-swieq kkonċernati mill-ksur mir-rikorrenti jirrapreżenta parti relattivament sinjifikattiva tad-dħul mill-bejgħ globali tagħhom, jiġifieri madwar 25 %. Konsegwentement, ma jistax jiġi allegat li r-rikorrenti kisbu parti limitata tad-dħul mill-bejgħ globali tagħhom fis-swieq inkwistjoni.

321 Minn dan isegwi li l-motiv ibbażat fuq trattament sproporzjonat u/jew diskriminatorju li r-rikorrenti semmew, fid-dawl tal-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni u tad-dħul mill-bejgħ li nkiseb fis-swieq kkonċernati, għandu jiġi miċħud u, għaldaqstant, għandhom jiġu miċħuda wkoll it-talbiet intiżi għall-annullament jew it-tnaqqis tal-multa.

322 Minn dak kollu li jippreċedi jirriżulta li r-rikors għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

323 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-rikorrenti tilfu, hemm lok li huma jiġu ordnati jbatu l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) **Tomra Systems ASA, Tomra Europe AS, Tomra Systems GmbH, Tomra Systems BV, Tomra Leergutsysteme GmbH, Tomra Systems AB u Tomra Butikksystemer AS għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.**

Vilaras Prek Ciucă

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fid-9 ta' Settembru 2010.

Firem

Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża ..... II - 4372

Id-deċiżjoni kkontestata ..... II - 4374

A — Is-suq inkwistjoni ..... II - 4374

B — Pożizzjoni Dominanti ..... II - 4375

C — Aġir abbużiv ..... II - 4375

D — Multa ..... II - 4379

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet ..... II - 4382

Id-dritt ..... II - 4383

I — Fuq it-talba għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata ..... II - 4384

A — Fuq l-ewwel motiv ibbażat fuq l-użu ta' provi manifestament ineżatti u mhux affidabbli sabiex tiġi kkonstatata l-istrateġija ta' esklużjoni u sabiex tiġi pprovata l-eżistenza u jiġi ddeterminat il-kontenut ta' ċerti ftehim bejn ir-rikorrenti u l-klijenti tagħhom. ..... II - 4384

1. Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq in-nuqqas ta' provi affidabbli li jippermettu li tintwera l-eżistenza ta' strateġija ta' esklużjoni ..... II - 4384

a) L-argumenti tal-partijiet ..... II - 4384

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 4386

2. Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq l-użu ta' provi ineżatti u mhux affidabbli sabiex tintwera l-eżistenza u sabiex jiġi ddeterminat il-kontenut ta' ċerti ftehim bejn ir-rikorrenti u l-klijenti tagħhom ..... II - 4389

a) Fuq il-ftehim ta' esklużivitŕ qabel l-1998 ..... II - 4390

L-argumenti tal-partijiet ..... II - 4390

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 4391

b) Fuq il-ftehim li jinnominaw lir-rikorrenti bħala "fornitur ippreferut, prinċipali jew primarju" ..... II - 4392

L-argumenti tal-partijiet ..... II - 4392

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 4394

c) Fuq l-impenji ta' kwantitajiet individwalizzati u l-mekkaniżmi ta' tnaqqis retroattiv individwalizzat ..... II - 4397

L-argumenti tal-partijiet ..... II - 4397

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 4399

d) Fuq l-evalwazzjoni ta' ċerti kuntratti konklużi fit-territorju tal-Ġermanja, tal-Pajjiżi l-Baxxi, tal-Isvezja u tan-Norveġja ..... II - 4402

Il-Ġermanja ..... II - 4403

— Edeka Bayern-Sachsen-Thüringen (1998-1999) ..... II - 4403

— Edeka Handelsgesellschaft Hessenring (1999) ..... II - 4405

— Edeka Baden-Würtemberg (2000) ..... II - 4406

— COOP Schleswig-Holstein (2000) ..... II - 4407

— Netto ..... II - 4407

— Rewe Wiesloch and Rewe-Hungen (1997) ..... II - 4408

— Rewe Hungen (2000) ..... II - 4409

Il-Pajjiżi l-Baxxi ..... II - 4409

— Albert Heijn (1998-2000) ..... II - 4410

— Royal Ahold (2000-2002) ..... II - 4411

— Lidl (1999-2000) ..... II - 4413

— Superunie (2001) ..... II - 4415

L-Isvezja ..... II - 4415

— ICA Handlares (l-Isvezja) u Hakon Gruppen (in-Norveġja) (2000-2002) ..... II - 4416

— Rimi Svenska (2000) ..... II - 4417

— Spar, Willys u KB Exonen (grupp Axfood) (2000) ..... II - 4418

— Axfood (2001) ..... II - 4419

— Axfood (2003-2004) ..... II - 4420

In-Norveġja ..... II - 4420

— Køff Hedmark u Rema 1000 (1996), AKA/Spar Norge (1997) ..... II - 4421

— NorgesGruppen, Hakon Gruppen, NKL (COOP) u Rema 1000 (1999-2000) ..... II - 4421

— NorgesGruppen (2000-2001) ..... II - 4424

— NKL (COOP) u Rema 1000 (2000-2001) ..... II - 4425

B — Fuq it-tieni u r-raba' motivi, ibbażati fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni rigward il-kwistjoni dwar jekk il-ftehim setgħux ineħħu l-kompetizzjoni u fuq nuqqas ta' motivazzjoni ..... II - 4427

1. Fuq l-illegalità allegata "per se" tal-ftehim tar-rikorrenti u fuq in-nuqqas ta' spjegazzjoni ta' test jew kriterju użati mill-Kummissjoni sabiex tevalwa jekk il-ftehim setgħux jirrestrinġu l-kompetizzjoni ... II - 4428

a) L-argumenti tal-partijiet ..... II - 4428

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 4429

2. Fuq il-"kopertura insuffiċjenti" tad-domanda totali tar-RVM mill-prattiki tar-rikorrenti ..... II - 4437

a) L-argumenti tal-partijiet ..... II - 4437

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 4439

3. Fuq il-provi u ipoteżi allegatament ineżatti u żbaljati li għalihom hija rrikorriet sabiex tevalwa l-kapaċitŕ tal-iskontijiet retroattivi li jeskludu l-kompetizzjoni ..... II - 4442

a) L-argumenti tal-partijiet ..... II - 4442

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 4444

C — Fuq it-tielet motiv ibbażat fuq żbalji manifesti fl-evalwazzjoni tal-Kummissjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk il-ftehim kinux fil-fatt jeliminaw il-kompetizzjoni ..... II - 4448

1. L-argumenti tal-partijiet ..... II - 4448

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 4451

D — Fuq il-ħames motiv ibbażat fuq l-iżball manifest imwettaq mill-Kummissjoni billi qieset li l-impenji mhux vinkolanti fuq il-kwantitajiet setgħu jiksru l-Artikolu 82 KE ..... II - 4453

1. L-argumenti tal-partijiet ..... II - 4453

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 4454

II — Fuq it-talbiet intiżi għall-annullament jew għat-tnaqqis tal-multa ..... II - 4457

A — L-argumenti tal-partijiet ..... II - 4457

B — Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali ..... II - 4459

Fuq l-ispejjeż ..... II - 4463